KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fl-14 ta' April 2011 [1]

Werrej

I — Introduzzjoni ..... I - 10553

II — Il-kuntest ġuridiku ..... I - 10555

A — Id-dritt tal-Unjoni ..... I - 10555

B — Dritt nazzjonali ..... I - 10556

III — Il-proċedura prekontenzjuża ..... I - 10557

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet ..... I - 10559

V — Argumenti prinċipali tal-partijiet ..... I - 10560

A — Dwar il-leġiżlazzjoni Portuġiża ..... I - 10560

B — Id-dritt tal-Unjoni ..... I - 10562

VI — Kunsiderazzjonijiet ġuridiċi ..... I - 10565

A — Applikabbiltà tal-Artikolu 49 KE ..... I - 10565

1. Id-dritt applikabbli ratione temporis ..... I - 10566

2. Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae ..... I - 10567

(a) Il-kompetenzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-qasam tal-politika tas-saħħa ..... I - 10567

(b) Analiżi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata ..... I - 10569

B — Restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ..... I - 10571

1. Possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor ..... I - 10572

1 — Lingwa tal-proċedura: il-Portuġiż.

2. Ħtieġa ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal kura medika "speċjalizzata ħafna" ..... I - 10574

3. Nuqqas ta' rimbors għal kura medika "oħra" ..... I - 10576

C — Ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni ..... I - 10578

1. Ġustifikazzjoni fil-każ tal-kura medika "speċjalizzata ħafna" ..... I - 10578

(a) Żamma tal-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali .... I - 10580

(i) Motiv ta' ġustifikazzjoni leġittimu ..... I - 10580

(ii) Rekwiżiti dwar il-konformità tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni mad-dritt tal-Unjoni ..... I - 10584

— Kunsiderazzjonijiet ġenerali ..... I - 10584

— Rekwiżiti speċifiċi tal-ġurisprudenza ..... I - 10584

— Proporzjonalità ..... I - 10586

(b) Kontroll tal-kwalità tas-servizzi tas-saħħa pprovduti barra mill-pajjiż ..... I - 10588

(c) Konklużjoni provviżorja ..... I - 10589

2. Ġustifikazzjoni fil-każ ta' kura medika "oħra" ..... I - 10591

(a) Żamma tal-istabbiltà finanzjarja tas-sistema ta' sigurtà soċjali ..... I - 10591

(i) Motiv ta' ġustifikazzjoni leġittimu ..... I - 10591

(ii) Proporzjonalità ..... I - 10591

(b) Kontroll tal-kwalità tas-servizzi tas-saħħa pprovduti barra mill-pajjiż ..... I - 10593

(c) Konklużjoni provviżorja ..... I - 10593

D — Konklużjoni definittiva ..... I - 10593

VII — Fuq l-ispejjeż ..... I - 10594

VIII — Konklużjoni ..... I - 10594

I — Introduzzjoni

1. Din il-kawża tagħmel parti minn kuntest ta' sensiela sħiħa ta' każijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja wriet x'inhuma l-limiti fid-dritt tal-Unjoni fuq ir-restrizzjonijiet magħmulin mill-Istati Membri għall-aċċess għas-servizzi tas-saħħa transkonfinali fis-suq intern. Fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha li tinterpreta d-dritt tal-Unjoni u, f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat progressivament ġurisprudenza abbundanti li hija rfinat dejjem iktar permezz tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari li tressqu quddiemha mill-qrati tal-Istati Membri. Id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jibbenefikaw, kemm jista' jkun b'mod wiesgħa u mingħajr xkiel, minn servizzi tas-saħħa transkonfinali, ġeneralment magħrufin bl-espressjoni "mobbiltà tal-pażjenti" [2], seta' jiġi speċifikat partikolarment permezz tal-ġurisprudenza abbundanti fil-materja. Sa issa l-Qorti tal-Ġustizzja, sa ċertu punt, kellha rwol ta' prekursur fl-implementazzjoni tad-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għall-kura preventiva tas-saħħa u biex tibbenefika minn kura medika li issa hija rrikonoxxuta fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundmentali tal-Unjoni Ewropea [3]. Fil-fatt, minkejja n-nuqqas ta' azzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni, il-ġurisprudenza ppermettiet li jiġu eliminati r-restrizzjonijiet magħmulin fil-forma ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tostakola t-twettiq ta' suq intern fir-rigward tas-servizzi tas-saħħa. Din il-ġurisprudenza tat lok għal ċerti prinċipji importanti dwar il-kundizzjonijiet li fihom il-pazjenti jistgħu, permezz tad-dispożizzjonijiet dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, jirċievu kura medika fi Stati Membri oħrajn u li jiġu rrimborsati talispejjeż inkorsi sabiex ħadu dik il-kura mill-iskemi ta' assigurazzjoni nazzjonali kontra l-mard li magħhom huma jkunu affiljati.

2. Il-prinċipji żviluppati f'din il-ġurisprudenza jistgħu issa jitqiesu bħala parti mill-acquis ġuridiku tal-Unjoni u li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jieħu inkunsiderazzjoni fit-tfassil fil-futur ta' "direttiva dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti

2 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed ippreżentati fil-15 ta' Diċembru 2005 fil-kawża Watts (sentenza tas-16 ta' Mejju 2006, C-372/04, Ġabra p. I-4325).

3 — L-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea: "Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal kura preventiva tas-saħħa u d-dritt li tgawdi minn kura medika skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali. Għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u fl-implementazzjoni tal-linji ta' politika u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni".

fil-kura tas-saħħa transkonfinali"[4]. Irrikorsi għal nuqqas li jitwettaq obbligu li l-Kummissjoni ppreżentat kontra numru ta' Stati Membri u li minn dak iż-żmien taw lok għas-sentenzi tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-211/08, Ġabra p. I-5267); tal-5 ta' Ottubru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (C-512/08, Ġabra p. I-8833), u tas-27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-490/09, Ġabra p. I-247), jixhdu l-isforzi magħmulin mill-Unjoni biex tasal għal applikazzjoni koerenti tad-dritt fl-interess taċ-ċittadini tal-Unjoni.

3. F'dan il-każ, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors skont l-Artikolu 226 KE[5] biex jiġi ddikjarat li, billi ma stabbilixxietx fid-dritt nazzjonali tagħha l-possibbiltà li jinkiseb rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor, ħlief fiċ-ċirkustanzi previsti mir-Regolament (KEE) Nru 1408/71[6], jew meta għamlet rimbors bħal dak suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 KE.

4. Il-qofol ta' din il-kawża huwa jekk id-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi Nru 177/92 ikkontestati mill-Kummissjoni, li l-kontenut tagħhom għandu jkun eżaminat fid-dettall, jistgħux jitqiesu legalment bħala restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikolu 49 KE, sa fejn dawn jagħmlu suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel minnaħa tal-awtoritajiet kompetenti li wieħed jirrikorri għal servizzi mediċi barra mill-pajjiż. Fil-każ li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, trid tingħata risposta affermattiva, tqum imbagħad il-kwistjoni jekk din ir-restrizzjoni tistax, f'ċerti każijiet, tkun iġġustifikata minħabba raġunijiet imperattivi

4 — Jidhirli li dan kien il-każ sa issa. Fil-proposta tagħha għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali, tat-2 ta' Lulju 2008 [COM (2008) 414 finali], Il-Kummissjoni esprimiet l-intenzjoni tagħha li timplementa, bid-direttiva proposta, mekkaniżmu "msejjes fuq il-prinċipji ta' moviment ħieles u li jibni fuq il-prinċipji marbuta mad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja". Riferiment simili għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija inkluża fil-premessa 6 ta' din il-proposta għal direttiva. Din tgħid li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà eżaminat xi kwistjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa transkonfinali, b'mod partikolari l-ħlas lura tal-kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru għajr għal dak fejn ir-riċevitur tal-kura huwa residenti. Wara li l-kura tas-saħħa ġiet eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36), skont Il-Kummissjoni huwa importanti "li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati fi strument legali Komunitarju speċifiku biex tinkiseb applikazzjoni aktar ġenerali u effettiva tal-prinċipji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-bażi ta' każ b'każ". Il-Pożizzjoni tal-Kunsill Nru 14/2010 fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali, adottata mill-Kunsill fit-13 ta' Settembru 2010 (2010/C 275 E/01) (ĠU C275E, p. 1), fiha numru ta' riferimenti għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Skont il-premessa 8 tagħha, "[d]in id-Direttiva għandha l-għan [b'mod partikolari] li tistabbilixxi regoli għall-iffaċilitar tal-aċċess għal kura tas-saħħa transkonfinali sigura u ta' kwalità għolja fl-Unjoni u li tassigura l-mobbiltà tal-pazjenti skont il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja u li tippromovi l-kooperazzjoni fir-rigward tal-kura tas-saħħa bejn l-Istati Membri".

5 — Peress li r-rikors tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq l-Artikolu 226 KE fejn hija takkuża lill-Istat Membru konvenut li kiser id-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE, il-konklużjonijiet jagħmlu riferiment għall-kuntest ġuridiku tal-Unjoni qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

6 — Regolament tal-Kunsill Nru 1408/71/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

ta' interess ġenerali, għaliex il-fatt li din il-kawża tirrigwarda esklużivament il-kura mhux fi sptar huwa importanti għall-finijiet tal-kunsiderazzjonijiet ġuridiċi.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt tal-Unjoni*[7]

5. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 KE jipprovdi:

"Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu provduti servizzi fil-Komunità għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat tal-Komunità li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi."

6. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 152(5) KE jipprovdi li:

"L-azzjoni Komunitarja fl-oqsma tas-saħħa pubblika għandha tirrispetta bi sħiħ ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u l-kura medika."

7. L-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi:

"1. Persuna impjegata jew li taħdem għal rasha li tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti għall-intitolar tal-benefiċċji, billi tieħu inkonsiderazzjoni fejn suppost tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 18, u: :

[…]

(c) li hija awtorizzata mill-istituzzjoni kompetenti biex tmur fit-territorju ta' Stat Membru ieħor biex hemmhekk tirċievi l-kura meħtieġa għall-kondizzjoni tagħha,,

(i) għall-benefiċċji f'oġġetti provduti fl-interess ta' l-istituzzjoni kompetenti

7 — Skont l-espressjonijiet użati fit-TUE u fit-TFUE, il-kliem "dritt tal-Unjoni" huma użati bħala espressjoni globali li tindika d-dritt Komunitarju u d-dritt tal-Unjoni. Fejn, iktar 'il quddiem, jissemmew id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, isir riferiment għad-dispożizzjonijiet applikabbli *ratione temporis*.

mill-istituzzjoni tal-post ta' l-għixien jew tar-residenza bi qbil mal-leġislazzjoni li tamministra, daqs li kieku kien assigurat magħha; iżda, it-tul tal-perijodu taż-żmien li matulu jiġu pprovduti l-benefiċċji għandhom ikunu regolati mil-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti

2. L-awtorizzazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu 1(c) tista' tkun irrifjutata fejn il-kura inkwistjoni hija fost il-benefiċċji pprovduti mil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kienet residenti l-persuna kkonċernata u fejn hija ma tistax tingħata tali kura fiż-żmien normali neċessarju għall-ksib tal-kura inkwistjoni fl-Istat Membru tar-residenza waqt li tieħu inkonsiderazzjoni l-Istat ta' saħħitha u l-kors probabbli tal-marda.

[…]".

B — *Dritt nazzjonali*

8. Id-Digriet-Liġi Nru 177/92, tat-13 ta' Awwissu 1992, jirregola ċerti aspetti marbutin mal-kura tas-saħħa tal-persuni affiljati mas-sistema nazzjonali tas-saħħa tal-Portugall (SNS) barra mill-pajjiż. Skont id-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi, huwa d-Direttorat Ġenerali kompetenti tal-isptarijiet li għandu jikkoordina kull trasferiment lejn pajjiż barrani għall-finijiet ta' kura medika.

9. L-Artikolu 1 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Digriet- Liġi kif ġej:

"1. Dan id-Digriet-Liġi jirregola l-kura medika speċjalizzata ħafna barra mill-pajjiż li, minħabba nuqqas ta' mezzi tekniċi jew umani ma tistax tingħata fit-territorju nazzjonali.

2. Il-benefiċjarji ta' din il-kura huma persuni affiljati mas-sistema nazzjonali tas-saħħa.

3. It-talbiet ta' trasferiment lejn pajjiż barrani li ġejjin minn korpi privati ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-Digriet Liġi."

10. L-Artikolu 2 tad-Digriet-Liġi jsemmi l-kundizzjonijiet tar-rimbors sħiħ tal-ispejjeż mediċi (stabbiliti fl-Artikolu 6):

"l-għoti ta' vantaġġi stabbiliti fl-Artikolu 6 huwa suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-eżistenza ta' rapport mediku pożittiv iddettaljat, magħmul mit-tabib kuranti, għandu jiġi kkonfermat mill-kap ta' servizz kompetenti;

(b) il-konferma ta' dan ir-rapport mid-Direttur mediku tal-isptar fejn il-pazjent kien ġie kkurat;

(c) il-kunsens tad-Direttur Ġenerali tal-isptarijiet fuq il-bażi ta' opinjoni ta' servizz tekniku."

11. L-Artikolu 4 jiddefinixxi s-segtħa deċiżjonali tad-Direttur Ġenerali tal-isptarijiet fit-termini li ġejjin:

"Huwa d-Direttur tal-isptarijiet li għandu jiddeċiedi fuq il-kura medika barra mill-pajjiż mitluba mill-partijiet ikkonċernati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2."

14. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li kellha f'idejha, il-Kummissjoni indirizzat ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Portugiża fit-18 ta' Ottubru 2006, fejn hija qalet li meta, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Digriet-Liġi Nru 177/92, tat-13 ta' Awwissu 1992, ir-rimbors tal- spejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor kien suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel, li tingħata biss b'kundizzjonijiet restrittivi ħafna, ir-Repubblika Portugiża naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 KE kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Portugiżi biex jippreżentaw, jekk ikun il-każ, l-osservazzjonijiet tagħhom f'terminu ta' xahrejn, skont l-Artikolu 226 KE.

III — Il-proċedura prekontenzjuża

12. Fit-12 ta' Lulju 2002, id-Direttorat Ġenerali tas-suq intern tal-Kummissjoni bagħat lill-Istati Membri kwestjonarju dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni u l-prattiki nazzjonali mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tar-regoli tas-suq intern fil-qasam tas-servizzi tas-saħħa. L-awtoritajiet Portugiżi wieġbu t-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-leġiżlazzjoni Portugiża b'ittra tas-17 ta' Jannar 2003.

13. Fit-28 ta' Lulju 2003, il-Kummissjoni ppubblikat "Rapport dwar l-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern għas-servizzi tas-saħħa. Implementazzjoni mill-Istati Membri tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja" [8].

8 — SEC(2003) 900.

15. Fit-tweġiba tagħhom tat-12 ta' Jannar 2007, l-awtoritajiet Portugiżi ddikjaraw li kien "diffiċli li jiġi kkonċepit li s-servizzi tas-saħħa jistgħu jiġu suġġetti għar-regoli tas-suq intern" u li Stat Membru kellu s-setgħa li jistabbilixxi, leġiżlattivament, li r-rimbors tal-ispejjeż mediċi mhux fi sptar ikunu suġġetti għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

16. Fid-29 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lill-awtoritajiet Portugiżi fejn infurmathom li l-ittra tat-12 ta' Jannar 2007 ma kien fiha l-ebda element ġdid li seta' jpoġġi fid-dubju, b'mod ġenerali, il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni tenniet li, billi żammet fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi Nru 177/92,

tat-13 ta' Awwissu 1992, fejn ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor huwa suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel, ir-Repubblika Portugiża kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 KE kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Portuġiżi biex jieħdu l-miżuri meħtieġa f'terminu ta' xahrejn sabiex jikkonformaw mal-opinjoni motivata.

17. B'ittra tal-4 ta' Settembru 2007, l-awtoritajiet Portugiżi wieġbu li d-Digriet-Liġi Nru 177/92 ma kienx ta' ostakolu għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa fi ħdan l-Unjoni Ewropea miċ-ċittadini Portugiżi, u lanqas għal-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif inhuma sanċiti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

18. Fit-12 ta' Frar 2008, l-awtoritajiet Portugiżi infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jeżaminaw il-konsegwenzi finanzjarji fuq is-sistema tas-saħħa, u dan, fil-fehma tagħhom, kellu jdum tal-inqas xahar, billi l-kompożizzjoni tal-gvern kienet inbidlet.

19. Fit-18 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Portugiżi biex jgħarrfuha bl-emendi previsti għad-Digriet-Liġi Nru 177/92 sabiex jintemm malajr il-ksur tad-dritt tal-Unjoni.

20. Permezz ta' ittra tal-24 ta' Lulju 2008, l-awtoritajiet Portugiżi kkonfermaw il-pożizzjoni li kienu ddefendew diġà fl-ittra tagħhom tal-4 ta' Settembru 2007, jiġifieri li d-Digriet-Liġi Nru 177/92 ma kienx jikser id-dritt tal-Unjoni.

21. Fil-15 ta' April 2009, il-Kummissjoni indirizzat opinjoni motivata addizzjonali lill-awtoritajiet Portugiżi biex tiġi ppreċiżata, għal raġunijiet ta' trasparenza u ċertezza legali, il-portata tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni li kienet qed tilmenta dwaru fil-konfront tagħhom. F'din l-ittra, il-Kummissjoni indikat li meta ma stabbilixxietx, la fid-Digriet-Liġi Nru 177/92 u lanqas f'att ġuridiku nazzjonali ieħor, il-possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti barra mill-pajjiż għal awtorizzazzjoni minn qabel, ħlief fiċ-ċirkustanzi previsti fir-Regolament Nru 1408/71, ir-Repubblika Portugiża kienet, skont il-Kummissjoni, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha previsti skont l-Artikolu 49 KE kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

22. Permezz ta' ittra tal-15 ta' Mejju 2009, l-awtoritajiet Portugiżi wieġbu għall-opinjoni motivata addizzjonali li r-rimbors tal-ispejjeż mediċi marbutin ma' kura mogħtija fi Stat Membru ieħor kien previst mid-Digriet-Liġi Nru 177/92. Barra minn hekk, huma spjegaw li l-leġiżlazzjoni Portugiża lanqas ma kienet teskludi r-rimbors tal-ispejjeż mediċi meta kien hemm kura medika speċjalizzata, bil-kundizzjoni li tiġi osservata l-proċedura

ta' attestazzjoni minn qabel dwar il-ħtieġa medika ta' kura barra mill-pajjiż.

24. Fir-risposta tiegħu ppreżentata fil-2 ta' Ottubru 2009, il-Gvern Portugiż talab li r-rikors jiġi miċħud billi huwa mingħajr fondament u li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

25. Il-proċedura bil-miktub ingħalqet bil-preżentata tar-replika tas-16 ta' Novembru 2009 u tal-kontroreplika tal-4 ta' Frar 2010.

23. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-9 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors fejn talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja dan li ġej:

26. B'digriet tas-17 ta' Novembru 2009, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja awtorizza lir-Renju ta' Spanja biex jintervjeni insostenn tat-talbiet tar-Repubblika Portugiża.

— tiddikjara li, billi ma pprovdietx, fid-Digriet-Liġi Nru 177/92, tat-13 ta' Awwissu 1992, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi sostnuti barra mill-pajjiż, jew f'dispożizzjonijiet oħra tad-dritt nazzjonali, għall-possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor, ħlief fiċ-ċirkustanzi previsti fir-Regolament (KEE) Nru 1408/71, jew fil-każ li l-imsemmi Digriet-Liġi jippermetti l-possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor, billi jissuġġetta dan ir-rimbors għal awtorizzazzjoni minn qabel, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 KE;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

27. Ir-rappreżentanti tal-partijiet kif ukoll il-Gvern Spanjol instemgħu fit-trattazzjonijiet tagħhom fis-seduta tad-9 ta' Frar 2010.

28. Permezz ta' nota tal-24 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni rrinunzjat parzjalment l-atti u fformulat mill-ġdid it-talbiet tagħha u talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex:

— tiddikjara li, billi ma pprovdietx, fid-Digriet-Liġi Nru 177/92, tat-13 ta' Awwissu 1992, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rimbors ta' spejjeż mediċi sostnuti barra mill-pajjiż, jew f'dispożizzjonijiet oħra tad-dritt nazzjonali, il-possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuta fi Stat Membru ieħor, ħlief fiċ-ċirkustanzi previsti bir-Regolament

(KEE) Nru 1408/71, jew ukoll, fil-każ li l-imsemmi Digriet-Liġi jagħti l-possibbiltà għal rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuta fi Stat Membru ieħor, billi jissuġġetta dan ir-rimbors għal għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel (bl-eċċezzjoni tar-rimbors tal-ispejjeż għal ċerta kura medika li, anki jekk tingħata fi klinika medika, tkun tfisser l-użu ta' apparat tqil li l-Istat ta' affiljazzjoni jpoġġi għad-dispożizzjoni u li jissussidja u li huwa elenkat b'mod eżawrjenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, pereżempju gamma-kamera għax-xintigrafija bi jew mingħajr detector ta' emissjonijiet ta' pożizzjonijiet f'koinċidenza, tomografu għal emissjoni, telekamera għal emissjonijiet ta' pożitroni, apparat għar-radjudijanjosi jew spettroskopija f'risonanza manjetika nukleari għall-użu kliniku, skanner għall-użu mediku, kamra iperbarika, ċiklotrun għall-użu mediku), ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 KE;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

29. Permezz ta' nota tas-6 ta' April 2011, ir-Repubblika Portugiża rriformulat it-talbiet tagħha filwaqt li talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad ir-rikors bħala mingħajr fondament;

— fil-każ li r-rikors jiġi kkunsidrat bħala mingħajr fondament, tiddikjara fi kwalunkwe każ ir-rinunzja parzjali tal-atti tal-Kummissjoni;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż.

V — Argumenti prinċipali tal-partijiet

A — *Dwar il-leġiżlazzjoni Portuġiża*

30. Il-*Kummissjoni* ssibha diffiċli tifhem l-opinjoni tal-Gvern Portugiż għaliex l-informazzjoni dwar ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar hija ambigwa jekk mhux ukoll kontradittorja.

31. Il-Kummissjoni kkonkludiet mit-tweġiba tal-Gvern Portugiż għall-kwestjonarju tad-Direttorat Ġenerali tas-suq intern fuq il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li d-Digriet-Liġi Nru 177/92 kien l-istrument ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li kien fih id-dispożizzjonijiet applikabbli għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti barra mill-pajjiż.

32. Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li, fit-tweġiba tagħhom għall-opinjoni motivata, l-awtoritajiet Portugiżi spjegaw li ma kienx parti mill-għanijiet tal-leġiżlazzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 177/92 li r-rimbors tal-ispejjeż mediċi mhux fi sptar magħmulin barra mill-pajjiż ikun suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel, u li l-ebda dispożizzjoni oħra tad-dritt Portugiż ma kienet tistabbilixxi dan. Il-Kummissjoni tgħid li kkonkludiet minn dan li l-ordinament ġuridiku Portugiż kien jeskludi l-possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor, ħlief bil-kundizzjonijiet stabbiliti bir-Regolament Nru 1408/71.

33. Il-Kummissjoni ssostni li, bit-tweġiba tagħhom għall-opinjoni motivata addizzjonali, l-awtoritajiet Portugiżi setgħu jispjegaw madankollu li l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa fi Stat Membru ieħor kien suġġett għal proċedura ta' attestazzjoni tal-ħtieġa klinika, li juri li fil-Portugall teżisti sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor.

34. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tispjega li l-awtoritajiet Portugiżi ammettew espressament, fir-risposta tagħhom, li kienet eskluża l-possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor, ħlief bil-kundizzjonijiet stabbiliti bir-Regolament (KEE) Nru 1408/71.

35. Il-*Gvern Portugiż* ikkontesta l-allegati ambigwtajiet jew kontradizzjonijiet li jidhru fl-ispjegazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Portugall.

36. Il-Gvern Portugiż jispjega li jeżistu, fl-ordinament ġuridiku Portugiż, żewġ posibbilitajiet ta' aċċess għas-servizzi tas-saħħa barra mill-pajjiż, li huma previsti, minn naħa, bir-Regolament Nru 1408/71, partikolarment fl-Artikolu 22 tiegħu, u, min-naħa l-oħra, bid-Digriet-Liġi Nru 177/92 li jirregola l-"kura medika speċjalizzata ħafna li ma tistax tingħata fit-territorju nazzjonali".

37. Il-Gvern Portugiż jispjega li d-Digriet-Liġi Nru 177/92 huwa kkonċepit bħala strument li jirregola l-kura fi sptar. Kura medika barra mill-pajjiż hija għalhekk possibbli meta s-sistema ta' saħħa Portugiża ma jkollhiex il-mezzi meħtieġa biex tipprovdi kura għall-persuni affiljati f'dik is-sistema. Din is-soluzzjoni tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-marid il-kura għas-saħħa li għandu bżonn, b'garanzija ta' kwalità u ta' effettività medika.

38. Kura barra mill-pajjiż hija suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet, li huma stabbiliti fid-Digriet-Liġi Nru 177/92. Għalhekk it-talbiet għal kura medika speċjalizzata ħafna għandhom jiġu ppreżentati mill-isptarijiet tas-sistema nazzjonali tas-saħħa, akkumpanjati b'rapport mediku ddettaljat li qabel irid jiġi kkonfermat mill-kap tas-servizz ikkonċernat kif ukoll mid-direttur mediku [Artikolu 2(1) u (2)]. Id-deċiżjoni finali tkun tad-Direttur tas-saħħa. Barra minn hekk,

ir-rapport mediku għandu jkollu fih sensiela ta' informazzjoni fuq l-istat ta' saħħa tal-pazjent u jispjega l-kura kif ukoll il-postijiet barra mill-pajjiż fejn il-pazjent għandu jiġi operat jew jieħu l-kura. Jekk jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet legali, il-pazjent ikollu dritt għar-rimbors sħiħ tal-ispejjeż, inklużi dawk tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni tal-pazjent kif ukoll ta' min ikun qed jakkumpanjah. Il-ħlas isir bl-intermedju ta' unità klinika korrispondenti li hija kompetenti għall-proċedura ta' attestazzjoni minn qabel (Artikolu 6).

39. Il-Gvern Portugiż huwa tal-opinjoni li ma għandhiex issir differenza bejn l-ispejjeż ta' kura fi sptar u dik li ma tingħatax fi sptar. Fil-fatt, il-kura medika speċjalizzata ħafna mogħtija barra mill-pajjiż fil-kuntest ta' kollaborazzjoni istituzzjonali tiġbor iż-żewġ tipi ta' trattament. Barra minn hekk, il-Gvern Portugiż ifakkar fil-paralleliżmi bejn il-proċedura ta' attestazzjoni tan-neċessità klinika għal kura barra mill-pajjiż u l-proċedura ta' trasferiment għand tabib speċjalist.

40. Dan isostni wkoll li l-kollaborazzjoni medika prevista bid-Digriet-Liġi Nru 177/92 tissodisfa r-rekwiżiti tas-sistema nazzjonali tas-saħħa li hija kkaratterizzata, skont id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali, min-natura ġenerali u awtonoma tagħha, u li hija wkoll iffinanzjata mill- Istat.

B — *Id-dritt tal-Unjoni*

41. Il-*Kummissjoni* hija tal-opinjoni li r-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 KE, hekk kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Skont din il-ġurisprudenza, jirriżulta li l-Artikolu 49 KE japplika għas-sitwazzjoni ta' pazjent li jirċievi, bi ħlas, servizzi mediċi fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat ta' residenza tiegħu. Issa, fil-Portugall, id-Digriet-Liġi Nru 177/92, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi sostnuti barra mill-pajjiż ma jipprovdix espressament għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor, ħlief fiċ-ċirkustanzi previsti fir-Regolament Nru 1408/71, jew din il-leġiżlazzjoni tissuġġetta, skont l-interpretazzjoni proposta mill-awtoritajiet Portugiżi, ir-rimbors ta' dawn l-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar għal awtorizzazzjoni minn qabel, taħt kundizzjonijiet restrittivi.

42. Il-Kummissjoni tikkunsidra li anki jekk wieħed jammetti li jista' jkun iġġustifikat li r-rimbors tal-ispejjeż mediċi jkun suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel, minkejja l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kundizzjonijiet tal-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni huma restrittivi u jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni.

43. Fir-rigward tal-argumenti mressqa mill-Gvern Portugiż favur ġustifikazzjoni bbażata fuq raġunijiet imperattivi, jiġifieri l-finanzjament tas-sistema nazzjonali tas-saħħa u l-garanzija tal-aċċess għas-sistema

ġenerali tal-kura tas-saħħa, il-Kummissjoni ssostni li r-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni minn qabel ma tistax tkun iġġustifikata la minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika u lanqas mill-gravità tal-periklu għall-istabbiltà finanzjarja tas-sistemi ta' sigurtà soċjali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni takkuża lill-awtoritajiet Portugiżi li la invokaw u lanqas urew l-eżistenza ta' riskju reali li jiġi ppreġudikat l-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema ta' saħħa Portugiża, ikkawżat mir-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar magħmulin barra mill-pajjiż.

44. Il-*Gvern Portugiż* isostni li l-ebda dispożizzjoni tat-Trattat ma tirrikonoxxi liċ-ċittadini tal-Unjoni d-dritt li jintalab ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi marbutin mal-kura mogħtija barra mill-pajjiż jew il-possibbiltà li jiġi eżerċitat bi sħiħ dan id-dritt, mingħajr ma dan ikun sostnut b'mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

45. Il-Gvern Portugiż qed jara f'dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tentattiv min-naħa tal-Kummissjoni li timponi soluzzjoni fuq livell ġuridiku li mhux biss tkun sprovvista minn kull bażi legali iżda li tkun irrifjutata wkoll mill-Istati Membri li huma kompetenti fl-amministrazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tas-sistema ta' saħħa. Dan jinsab sorpriż bl-approċċ tal-Kummissjoni peress li bħalissa għaddejja proċedura leġiżlattiva għad-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Jirriżulta mill-premessa 23 tad-Direttiva 2006/123 li intervent leġiżlattiv biss li fih indikazzjonijiet biżżejjed ċari jista' jiġġustifika deċiżjoni ġudizzjarja. Billi l-Gvern Portugiż huwa konvint li deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja twassal għal sovrapożizzjoni ta' proċessi deċiżjonali ġudizzjarji u politiċi, huwa jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li tissospendi l-proċeduri skont l-Artikolu 82a(1)(a) tar-Regoli tal-Proċedura.

46. Skont il-Gvern Portugiż, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 49 KE għas-servizzi tas-saħħa transkonfinali hija kkaratterizzata minn żewġ elementi, jiġifieri l-kuntest proċedurali speċifiku u n-nuqqas ta' ċertezza legali u ta' ċarezza tagħha. Dan jgħid li s-sentenzi kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja ngħataw fil-kuntest ta' proċeduri ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE li jimpedixxi t-traspożizzjoni tas-soluzzjonijiet deċiżi f'dawn il-kawżi għal din tal-lum.

47. Anki jekk awtorizzazzjoni minn qabel setgħet, f'ċerti każijiet, tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-Artikolu 49 KE ma jipprekludix, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, awtorizzazzjoni bħal din meta tiddependi minn kriterji oġġettivi, li l-osservanza tagħhom kienet tikkundizzjona wkoll ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi marbutin ma' kura mogħtija fit-territorju nazzjonali.

48. Barra minn hekk, l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi li l-provvista ta' servizzi tas-saħħa transkonfinali

hija suġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel. Minbarra dan, l-Artikolu 49 KE għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet l-oħrajn tat-Trattat. F'dan ir-rigward, il-Gvern Portugiż jirreferi għall-Artikolu 152(5) KE li jinkludi riżerva ta' kompetenza favur l-Istati Membri li l-applikazzjoni effettiva tagħha twassal biex jiġu esklużi s-setgħat tal-istituzzjoni nazzjonali li tieħu deċiżjoni f'materja ta' organizzazzjoni, ta' finanzjament u ta' amministrazzjoni tas-sistema nazzjonali tas-saħħa fis-seħħ.

49. Il-Gvern Portugiż ma jissuġġerixxi l-ebda tibdil fil-ġurisprudenza iżda jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkoordina b'mod prattiku l-Artikolu 49 KE u l-Artikolu 152(5) KE biex l-Artikolu 49 KE ma jiġix applikat minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Huwa jinvoka diversi raġunijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkunsidrat bħala leġittimi, fosthom in-neċessità li jiġi ggarantit l-ekwilibriju finanzjarju tas-sistemi ta' sigurtà soċjali u l-provvista tal-kura tas-saħħa.

50. L-ewwel nett il-*Gvern Spanjol* josserva li l-Artikolu 49 KE ma jimponi fuq l-Istati Membri l-ebda obbligu li jadottaw atti ta' traspożizzjoni pożittivi, tant li d-direttiva hija l-istrument legali espressament previst mid-dritt tal-Unjoni biex joħloq dawn l-atti fi ħdan l-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali. Huwa jgħid li l-Artikolu 52 KE jistabbilixxi espressament li d-direttiva tikkostitwixxi l-mezz għal-liberalizzazzjoni tas-suq intern biex jiġu pprovduti s-servizzi. Dan huwa preċiżament dak li l-Kummissjoni qiegħda tipprevedi bħalissa bil-proposta għal direttiva tagħha [9]. Il-fatt li l-Portugall ma stabbilixxiex proċedura addizzjonali għall-finijiet tar-rimbors tal-ispejjeż mediċi, minbarra dik stabbilita bir-Regolament Nru 1408/71, ma jikkostitwixxix ksur tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 49 KE.

51. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma ppruvatx li l-awtoritajiet Portugiżi japplikaw il-leġiżlazzjoni tagħhom bi ksur tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 49 KE, partikolarment billi sistematikament jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni prevista mis-sistema għall-kura barra mill-pajjiż.

52. Dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Portugiża mal-Artikolu 49 KE, il-Gvern Spanjol jgħid li sistema li tipprevedi awtorizzazzjoni minn qabel ma tikkostitwixxix neċessarjament restrizzjoni mhux ġustifikata fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali jiġġustifikaw tali sistema, b'mod partikolari fil-kuntest tas-servizzi tas-saħħa fi sptar. Ikun żball li tiġi trasposta l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenzi tat-28 ta' April 1998, Kohll (C-158/96, Ġabra p. I-1931), kif ukoll tat-13 ta' Mejju 2003, Müller-Fauré u van Riet (C-395/99, Ġabra p. I-4509), dwar servizzi dentistiċi, għal kull servizz tas-saħħa mogħti mhux fi sptar.

9 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

Bħala prekawzjoni, il-Gvern Spanjol ifakkar li, fis-sentenza Kohll, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[f']dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 56 KE jippermetti […] li tiġi ristretta l-libertà li jiġu pprovduti servizzi mediċi u tal-isptarijiet, sa fejn iż-żamma ta' kapaċità ta' kura jew ta' kompetenza medika fit-territorju nazzjonali tkun essenzjali għas-saħħa pubblika, jew saħansitra għas-sopravivenza tal-popolazzjoni tagħhom".

53. Fir-rigward tal-proporzjonalità tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-Gvern Spanjol isostni li għandu jiġi eżaminat jekk il-proċedura amministrattiva ta' awtorizzazzjoni stabbilita mis-sistema Portugiża tistrieħx fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji magħrufin minn qabel minn dawk ikkonċernati, u li jippermettu li jkunu magħrufin il-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali.

VI — Kunsiderazzjonijiet ġuridiċi

A — *Applikabbiltà tal-Artikolu 49 KE*

54. Skont ġurisprudenza stabbilita, u b'mod konformi mar-regoli li jiddeterminaw id-dritt proċedurali tal-Unjoni fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi l-eżistenza tan-nuqqas ta' twettiq allegat. Hija l-Kummissjoni li għandha tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-elementi neċessarji għall-verifika, min-naħa tagħha, tal-eżistenza ta' dan in-nuqqas, u dan mingħajr ma tkun tista' tibbaża ruħha fuq xi preżunzjonijiet [10]. Ikun hemm bidla fl-oneru tal-prova proċedurali meta l-Kummissjoni tkun ipproduċiet provi biżżejjed li juru li kien hemm nuqqas. F'każ bħal dan, huwa l-Istat Membru li għandu jiddefendi lilu nnifsu b'mod sostanzjali u ddettaljat biex jistabbilixxi min-naħa tiegħu li d-dritt tal-Unjoni ġie rrispettat [11].

55. Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni takkuża lir-Repubblika Portugiża li naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 KE. Il-Gvern Portugiż jiċħad dan l-ilment, minn naħa, billi jinvoka l-proċedura leġiżlattiva attwali — u fuq kollox il-konsultazzjonijiet li għaddejjin fi ħdan il-Kunsill — li għandhom bħala għan l-adozzjoni ta' direttiva dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pażjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali — u, min-naħa

10 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-25 ta' Mejju 1982, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (96/81, Ġabra p. 1791, punt 6), tat-22 ta' Settembru 1988, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (272/86, Ġabra p. 4875, punt 17), tas-26 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-404/00, Ġabra p. I-6695, punt 26), tas-6 ta' Novembru 2003, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-434/01, Ġabra p. I-13239, punt 21), tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-194/01, Ġabra p. I-4579, punt 34), tat-13 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-507/03, Ġabra p. I-9777, punt 33), tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-438/07, Ġabra p. I- 9517, punt 49), tad-29 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-246/08, Ġabra p. I-10605, punt 52).

11 — Ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-298/95, Ġabra p. I-6747, punt 17), u Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 21). F'dan is-sens M. Burgi, fi: *Handbuch des Rechtsschutzes in der Europäischen Union* (editur H.-W. Rengeling/A. Middeke/M. Gellerm ann), München, 2003, § 6, punt 45, p. 79, u J. Schwarze, *EU-Kommentar* (editur Jürgen Schwarze), it-Tieni edizzjoni, 2009, Artikolu 226 KE, punt 27, p. 1755.

l-oħra, billi jpoġġi fid-dubju l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet ta' dritt primarju dwar il-moviment liberu tas-servizzi, partikolarment l-Artikolu 49 KE, fir-rigward tas-servizzi tas-saħħa transkonfinali. Fuq il-livell ġuridiku, iżżewġ argumenti jikkonċernaw l-applikabbiltà *ratione temporis* kif ukoll *ratione materiae* tal-Artikolu 49 KE għall-kawża preżenti, li għandha tiġi eżaminata iktar 'l isfel.

1. Id-dritt applikabbli *ratione temporis*

56. Fir-rigward tal-ewwel oġġezzjoni mqajma mill-Gvern Portugiż kontra r-rikors preżenti, għandu jiġi nnotat l-ewwel nett li Stat Membru ma jistax validament jagħmel użu minn att ġuridiku li għadu ma daħalx fis-seħħ u li għalhekk għadu ma pproduċiex effetti legali fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. L-aspettattiva li tinżamm b'mod identiku proposta ta' att legali partikolari tal-Kummissjoni ma tistax oġġettivament tiġi kkunsidrata bħala leġittima, iktar u iktar meta dawn il-proposti jistgħu jgħaddu minn diversi emendi tal-Kunsill u tal-Parlament matul il-proċedura leġiżlattiva. Din hija wkoll ir-raġuni għaliex ma jistgħux iservu ta' mezzi awżiljarji ta' interpretazzjoni ħlief b'mod limitat.

57. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 226 KE għandha bħala għan li tikkonstata l-ksur tad-dritt tal-Unjoni li jkunu għamlu l-Istati Membri f'mument partikolari u rilevanti. Hija ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li llum hija stabbilita, li l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi analizzata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru hekk kif kienet fi tmiem it-terminu ffissat fl-opinjoni motivata. Hija din id-data biss li għandha tiġi kkunsidrata biex jitqies li kien hemm nuqqas ta' twettiq ta' obbligu [12]. It-tibdil li jkun sar wara għalhekk ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni u lanqas ir-regolarizzazzjonijiet ulterjuri li jkun għamel l-Istat Membru kkonċernat [13]. Għalhekk, il-probabbiltà, li ma tistax tiġi eskluża, li l-proċedura leġiżlattiva tiġi konkluża pożittivament fil-qrib bl-adozzjoni ta' direttiva intiża biex tirregola b'mod dettaljat id-drittijiet tal-pazjenti f'kwistjoni ta' kura tas-saħħa transkonfinali, ma taffettwax is-suġġett tar-rikors u għalhekk ma tipproduċi l-ebda effett fuq din il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

58. Isegwi li l-oġġezzjoni mqajma mill-Gvern Portugiż kontra l-applikabbiltà tal-Artikolu 49 KE għall-finijiet tal-eżami ta' ksur eventwali tad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi miċħuda.

12 — Ara s-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1995, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-182/94, Ġabra p. I-1465); tal-10 ta' Settembru 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-61/94, Ġabra p. I-3989); tas-16 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-316/96, Ġabra p. I-7231, punt 14); tal-11 ta' Ġunju 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-232/95 u C-233/95, Ġabra p. I-3343, punt 38); tad-9 ta' Marzu 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-355/98, Ġabra p. I-1221, punt 22); tat-3 ta' Ottubru 2002, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-47/01, Ġabra p. I-8231, punt 15), u tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-519/03, Ġabra p. I-3067, punt 18).

13 — Ara wkoll M. Burgi, *loc cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 11), punt 38, p. 75; W. Cremer, *EUV vs EGV-Kommentar* (edituri C. Calliess u M. Ruffert), It-Tielet edizzjoni, München, 2007, Artikolu 226 KE, punt 33, p. 1991.

2. Kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae*

59. It-tieni oġġezzjoni mqajma mill-Gvern Portugiż għandha tinftiehem fis-sens li tpoġġi fid-dubju l-applikabbiltà *ratione materiae*, bħala tali, tad-dispożizzjonijiet ta' dritt primarju dwar il-moviment liberu tas-servizzi. Biex isostni l-kunċett ġuridiku tiegħu, huwa jirriferi għall-Artikolu 152(5) KE li jagħti lill-Istati Membri r-responsabbiltà tal-organizzazzjoni u l-provvista ta' servizzi tas-saħħa u l-kura medika. Minbarra dan, il-Gvern Portugiż jenfasizza l-ħtieġa ta' regolamentazzjoni ta' dritt sekondarju f'dan il-qasam.

(a) Il-kompetenzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-qasam tal-politika tas-saħħa

60. Hemm qbil fuq l-osservazzjonijiet tal-Gvern Portugiż fil-parti fejn jirreferi għall-kompetenza primarja tal-Istati Membri fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Fi kliem sempliċi, l-Istati Membri jibqgħu fil-prinċipju "sidien tal-politika tas-saħħa" [14], li jfisser li l-Unjoni ma għandhiex tmur kontra l-politika tagħhom. Fil-kamp ta' azzjoni delimitat mill-Artikolu 152 KE, il-kompetenzi tal-Unjoni huma inqas estiżi milli f'oqsma oħrajn. Skont it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 152(1), l-attività tal-Unjoni hija limitata biss, fir-rigward tal-kontenut, biex "tikkumplimenta" l-politika nazzjonali u, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 152(2) "tinkoraġixxi", mil-lat organizzattiv, il-kollaborazzjoni. Dan il-pass sostanzjalment lura tal-attività tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa fir-rigward tal-politika tal-Istati Membri jikkostitwixxi espressjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 KE. Madankollu, dan ma jaffettwax is-setgħa tal-Unjoni li toħloq regoli ta' protezzjoni fil-livell tal-Unjoni fil-kuntest tal-armonizzazzjoni tal-politika nazzjonali ta' protezzjoni tas-saħħa, ibbażata fuq l-Artikolu 95 KE sabiex jiġu eliminati r-restrizzjonijiet għal-libertajiet fundamentali. Il-proposta għal direttiva tal-Kummissjoni li, skont il-premessa 8 tagħha, trid tiggarantixxi partikolarment il-mobbiltà tal-pazjenti u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi

14 — Il-premessa 8 tal-proposta tal-Kummissjoni fuq "direttiva dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali" (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4 iktar 'il fuq) tgħid hekk: "Din id-direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-provvediment ta' kura tas-saħħa transkonfinali sigura, ta' kwalità għolja u effiċjenti fil-Komunità u li tiżgura l-moviment tal-pazjenti u l-libertà tal-provvediment tal-kura tas-saħħa u livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa, filwaqt li tirrispetta kompletament ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri għat-tifsira tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali relatati mas-saħħa u l-organizzazzjoni u l-għoti ta' kura tas-saħħa u kura medika u benefiċċji tas-sigurtà soċjali b'mod partikolari għall-mard."

tal-kura tas-saħħa, tistrieħ preċiżament fuq din il-bażi regolatorja ġenerali.

61. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija konxja tal-kumplessità tat-tqassim tal-kompiti bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Fil-fatt, kif hija ddikjarat f'ġurisprudenza stabbilita, id-dritt tal-Unjoni ma jnaqqas xejn mill-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom [15]. Dan ifisser li fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fuq livell tal-Unjoni Ewropea, hija għalhekk il-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru li għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet ta' għoti tal-benefiċċji fil-qasam tas-sigurtà soċjali [16]. F'dan il-kuntest għandu jsir riferiment għas-sentenza Watts [17], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret b'mod ċar li skont l-Artikolu 152(5) KE, l-azzjoni tal-Unjoni kienet tosserva bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-organizzazzjoni u l-provvista ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika.

62. Madankollu, kif il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat fl-istess sentenza, din id-dispożizzjoni ma teskludix, madankollu, li l-Istati Membri jkunu obbligati, skont dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattat, bħall-Artikolu 49 KE, jew b'miżuri adottati fil-livell tal-Unjoni abbażi ta' dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattat, bħall-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1408/71, li jadattaw is-sistema nazzjonali tagħhom tas-sigurtà soċjali u tal-kura tas-saħħa [18]. F'sentenzi preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà enfasizzat li, fl-eżerċizzju tal-kompetenza li jirrikonoxxi l-Artikolu 152(5) KE fil-konfront tagħhom, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar l-libertà li jiġu pprovduti servizzi [19]. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet jipprojbixxu lill-Istati Membri milli jintroduċu jew iżommu fis-seħħ restrizzjonijiet inġustifikati għall-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet fil-qasam tal-kura tas-saħħa [20]. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti tal-Ġustizzja fakkret espressament li l-Istati Membri ma għandhomx jikkunsidraw li l-adattamenti inevitabbli li t-twettiq tal-libertajiet fundamentali garantiti mit-Trattat jobbligahom jagħmlu fis-sistema nazzjonali tagħhom tas-sigurtà soċjali, jikkostitwixxu preġudizzju għall-kompetenza sovrana

15 — Sentenza tas-7 ta' Frar 1984, Duphar *et* (238/82, Ġabra p. 523, punt 16); tas-17 ta' Ġunju 1997, Sodermare *et* (C-70/95, Ġabra p. I-3395, punt 27); Kohll (iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 52, punt 17); tat-18 ta' Marzu 2004, Leichtle (C-8/02, Ġabra p. I-12641, punt 29), tas-16 ta' Mejju 2006, Watts (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 92); u tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 53).

16 — Sentenzi tal-24 ta' April 1980, Coonan (110/79, Ġabra p. 1445, punt 12), tal-4 ta' Ottubru 1991, Paraschi (C-349/87, Ġabra p. I-4501, punt 15); tat-30 ta' Jannar 1997, Stöber u Piosa Pereira (C-4/95 u C-5/95, Ġabra p. I-511, punt 36); Watts (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 92); Müller-Fauré u van Riet (iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 52, punt 100); tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 2, punt 53), u tas-27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 2, punt 32).

17 — Sentenza ċcitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 146. Ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 75).

18 — Sentenza Watts (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 147).

19 — Sentenzi tat-28 ta' April 1998, Decker (C-120/95, Ġabra p. I-1831, punt 19), tat- 12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms (C-157/99, Ġabra p. I-5473, punti 44 sa 46), Müller-Fauré u van Riet (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52, punt 100), tat-23 ta' Ottubru 2003, Inizan (C-56/01, Ġabra p. I-12403, punt 17); Watts (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 92), u tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 53).

20 — Sentenzi Watts (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 92); tad-19 ta' April 2007, Stamatelaki (C-444/05, Ġabra p. I-3185, punt 23); tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 2, punt 23), u tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, Ġabra p. I-8889, punt 40).

tagħhom fil-qasam [21]. Fl-aħħar nett, wieħed ma għandux jinsa li l-Unjoni Ewropea tista', permezz ta' miżuri li, pereżempju, jiffavorixxu t-twettiq tal-libertajiet fundamentali, teżerċita influwenza kunsiderevoli fuq is-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri. [22]

63. Fil-qasam tas-servizzi ta' saħħa transkonfinali, naraw li d-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali jidħlu f'xulxin b'mod li d-dritt tal-Unjoni, kif spiss ikun il-każ, ikun limitat, essenzjalment, biex jistabbilixxi għan vinkolanti — jiġifieri t-twettiq tal-libertà tal-moviment tal-persuni għall-pazjenti kif ukoll l-ugwaljanza fit-trattament tagħhom fil-konfront tal-awtoritajiet nazzjonali, indipendentement miċ-ċittadinanza tagħhom —, filwaqt li l-kompetenzi tal-Istati Membri jibqgħu l-istess, billi huwa ppreċiżat li dawn għandhom jikkonformaw mal-qafas regolatorju stabbilit mid-dritt primarju u sekondarju, billi l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom [23].

Il-portata tal-kuntest ġuridiku tal-Unjoni previst fl-Artikolu 49 KE għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Istati Membri tiġi stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, din għandha l-obbligu, skont trattati tat-twaqqif, li tiċċara u tippreċiża, permezz tal-interpretazzjoni, it-tifsira u l-portata ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, hekk kif għandha tinftiehem u tiġi applikata mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha [24].

64. Għaldaqstant, ir-Repubblika Portugiża ma tistax validament iktar tibbaża fuq il-kompetenza tagħha fil-qasam tal-organizzazzjoni u l-provvista ta' servizz tas-saħħa u tal-kura medika fit-territorju tagħha biex teħles mill-obbligi li jimponi fuqha barra minn hekk id-dritt primarju tal-Unjoni, u fuq kollox, id-dispożizzjonijiet dwar il-libertajiet fundamentali.

(b) Analiżi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata

65. Għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni li ġejja, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tidħolx

21 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Watts (punt 147), Müller-Fauré u van Riet (punt 102) kif ukoll tas-27 ta' Jannar 2001, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (punt 45).

22 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Ferlini (C-411/98, Ġabra p. I-8081, punti 47 *et seq*); tad-9 ta' Settembru 2003, Jaeger (C-151/02, Ġabra p. I-8389), dwar servizz ta' għassa ta' tabib fi sptar fil-kuntest tal-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema; tal-11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband (C-322/01, Ġabra p. I-14887), li kienet tikkonċerna l-projbizzjoni nazzjonali ta' bejgħ b'korrispondenza tal-prodotti mediċinali, u Leichtle (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 53) dwar il-kundizzjonijiet għall-ħlas tal-ispejjeż ta' kura termali magħmula fi Stat Membru ieħor.

23 — F'dan is-sens, S. Van Raepenbusch, "Dossier: l'Europe de la santé — L'état de la jurisprudence de la CJCE relative au libre accès aux soins de santé à l'intérieur de l'Union européenne après l'arrêt du 16 mai 2006, Watts, C-372/04", *Gazette du Palais*, Diċembru 2006, p. 8.

24 — Ara s-sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-540/07, Ġabra p. I-10983, punt 63).

fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 49 KE, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, is-servizzi mediċi pprovduti bi ħlas jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi [25], mingħajr ma jkun hemm lok li ssir distinzjoni skont jekk il-kura tingħatax f'kuntest ta' sptar jew barra minn dak il-kuntest [26]. Hija ddeċidiet ukoll li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tinkludi l-libertà tad-destinatarji tas-servizzi, b'mod partikolari tal-persuni li għandhom jirċievu kura medika, li jmorru fi Stat Membru ieħor sabiex jibbenefikaw hemmhekk minn dawn is-servizzi [27]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li servizz mediku ma jitlifx il-kwalifika tiegħu bħala provvista ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 49 KE għar-raġuni li l-pazjent, wara li jkun ħallas lil min ikun ipprovdielu s-servizz barra mill-pajjiż għall-kura li jkun ingħata, jitlob sussegwentement li sistema ta' sigurtà soċjali tassumi r-responsabbiltà għall-ħlas tal-ispejjeż ta' din il-kura [28].

66. Għaldaqstant, dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk fid-Digriet-Liġi Nru 177/92 li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet applikabbli kemm għall-aċċess tal-pazjenti għas-servizzi tas-saħħa transkonfinali kif ukoll għar-rimbors tal-ispejjeż tal-mard mill-awtoritajiet ta' sistema nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-mard, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 49 KE [29].

67. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li indika l-Gvern Portugiż meta invoka diversi drabi dan l-argument biex iwarrab il-possibbiltà li jiġu trasposti l-prinċipji elaborati mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża, il-fatt li s-sistema nazzjonali tas-saħħa tal-Portugall ma hijiex iffinanzjata mill-kontribuzzjonijiet tal-assigurati, b'differenza mis-sistemi tas-saħħa ta' ċerti Stati Membri oħrajn, imma esklużivament permezz ta' dħul minn taxxi u riżorsi oħrajn tal-baġit tal-Istat, bl-ebda mod ma jmur kontra kontroll tal-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi Nru 177/92 mal-Artikolu 49 KE,

25 — Sentenza tal-4 ta' Ottubru 1991, Society for the Protection of Unborn Children Ireland (C-159/90, Ġabra p. I-4685, punt 18) kif ukoll is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kohll (punt 29); Watts (punt 86), Stamatelaki (punt 19) ; tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (punt 47), u tas-27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (punt 34)..

26 — Sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Vanbraekel *et* (C-368/98, Ġabra p. I-5363, punt 41) u Smits u Peerbooms (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 53); Müller-Fauré u van Riet (iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 52, punt 103); Leichtle (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 28) ; Watts (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 86); Stamatelaki (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, punt 19); Il-Kummissjoni vs Franza (iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 2, punt 30), kif ukoll tas-27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 2, punt 34).

27 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Watts (punt 87), Stamatelaki (punt 20), Il-Kummissjoni vs Spanja (punt 49), Il-Kummissjoni vs Franza (punt 31), Elchinov (punt 37), u tas-27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (punt 35).

28 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Müller-Fauré u van Riet (punt 103), Stamatelak (punt 21) u tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (punt 47).

29 — Ara s-sentenza Smits u Peerbooms (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punti 60 sa 69), u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-EFTA, Rinsal u Slinning (E-11/07 u C-1/08, punt 44), fejn ġie speċifikat li, f'din il-kawża, mhux biss l-applikabbiltà *ratione materiae* tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fit-Trattat KE u KEE kienet ġiet rikonoxxuta, iżda wkoll in-natura restrittiva tad-dispożizzjonijiet nazzjonali kkonċernati. L-Artikolu 49(1) KE jikkorrespondi fil-kontenut tiegħu mal-Artikolu 36(1) tal-Ftehim ŻEE li l-interpretazzjoni tiegħu taħtiha l-Qorti tal-EFTA (f'dak li jikkonċerna l-Istati EFTA/ŻEE). B'konformità mal-prinċipju msejjaħ "dwar il-ġurisprudenza omoġenja fiż-Żona Ekonomika Ewropea"), il-Qorti tal-EFTA applikat il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja għal dawn id-dispożizzjonijiet tal-ftehim.

kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, għaliex, kif hija ddikjarat mingħajr ekwivoċi fis-sentenza Watts [30], b'mod partikolari fir-rigward ta' sistema nazzjonali tas-saħħa bħan-National Health Service (NHS) tar-Renju Unit, id-dispożizzjonijiet ta' dritt primarju dwar l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, japplikaw "indipendentement minn kif taħdem is-sistema nazzjonali [rispettiva]". Nixtieq nenfasizza li n-novità fis-sentenza Watts tikkonsisti partikolarment fit-traspożizzjoni tal-ġurisprudenza attwali dwar il-libertà ta' moviment fil-kuntest ta' skema obbligatorja ta' assigurazzjoni tal-mard ta' natura essenzjalment kontributorja għal sistemi tas-saħħa nazzjonali ffinanzjati mid-dħul minn taxxi [31]. Barra minn hekk, għandu jsir riferiment għas-sentenza Müller-Fauré u van Riet [32], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat espressament li ma kienx hemm lok, mill-aspett tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li tiġi stabbilita distinzjoni jekk "il-fond tal-mard jew il-baġit nazzjonali jħallasx lill-fornitur tas-servizz direttament hu". Għalhekk l-argument kuntrarju tal-Gvern Portugiż għandu jiġi miċħud.

68. Għalhekk, japplika l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 KE.

B — *Restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi*

69. Barra minn hekk, għandu jiġi eżaminat jekk ir-regoli fid-Digriet-Liġi Nru 177/92 jikkostitwixxux, kif tallega l-Kummissjoni, restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikolu 49 KE. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 49 KE jipprekludi l-applikazzjoni ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali li jkollha bħala effett li tirrendi l-provvista ta' servizzi bejn Stati Membri iktar diffiċli mill-provvista ta' servizzi purament interna fi Stat Membru [33].

70. Madankollu, il-konstatazzjoni ta' restrizzjoni mhux ġustifikata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u, għalhekk għal ħsara għad-dritt tal-Unjoni, ma tistax issir qabel ma s-suġġett tal-kawża jiġi kkjarifikat biżżejjed. Għal dan l-iskop għandu jiġi analizzat l-għan eżatt tat-talbiet tal-Kummissjoni, li jiddeterminaw is-suġġett tal-kawża.

71. F'dan ir-rigward għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni tibbaża r-rikors tagħha fuq żewġ ksur alternattivi. Fir-rikors tagħha l-Kummissjoni tilmenta iktar speċifikament li r-Repubblika Portugiża ma pprevedietx, fil-leġiżlazzjoni tagħha, għall-possibbiltà ta' rimbors tal- ispejjeż mediċi għal kura mhux

30 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 90.

31 — F'dan is-sens U. Schneider "Patientenmobilität und Wartelistenmedizin in der EG", *European Law Reporter*, 9/2006, p. 348; R. Schiano, "Arrêt 'Yvonne Watts'", *Revue du Droit de l'Union Européenne*, 2/2006, p. 461.

32 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 103.

33 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Kummissjoni vs Franza (C-381/93, Ġabra p. I-5145, punt 17), kif ukoll is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kohll (punt 33); Smits u Peerbooms (punt 61); Watts (punt 94); Stamatelaki (punt 25); tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (punt 55), u tas-27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (punt 33).

fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor, ħlief fil-kundizzjonijiet stabbiliti bir-Regolament Nru 1408/71. Sussidjarjament, hija tilmenta li l-Portugall implementa sistema li tissuġġetta r-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

1. Possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor

72. Jirriżulta mill-formulazzjoni tal-ewwel kap tat-talbiet li t-tieni parti ("… jew, fil-każ li l-imsemmi Digriet-Liġi jippermetti l-possibbiltà għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor […]") għandha tiġi interpretata bħala talba sussidjarja tal-Kummissjoni fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-leġiżlazzjoni Portugiża rilevanti tipprovdi — kuntrarjament għal dak li tissupponi l-Kummissjoni — ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor, jiġifieri fil-kundizzjonijiet li ma humiex previsti mir-Regolament Nru 1408/71.

73. Għalhekk, l-ewwel nett għandu jiġi eżaminat, fid-dawl tal-informazzjoni provduta lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-partijiet, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata tipprovdix, b'mod ġenerali, għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor.

74. Fir-rikors tagħha [34], il-Kummissjoni tosserva li meta tibbaża ruħha fuq l-informazzjoni li ngħatatilha mill-awtoritajiet Portugiżi fil-qafas tal-proċedura prekontenzjuża, hija waslet għall-konklużjoni li l-leġiżlazzjoni Portugiża ma kinitx tipprovdi għall-possibbiltà ta' rimbors għall-spejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor, ħlief fil-kundizzjonijiet stabbiliti bir-Regolament Nru 1408/71. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirriferi għat-tweġiba tal-awtoritajiet Portugiżi tal-4 ta' Settembru 2007 għall-opinjoni motivata [35], fejn huma ddikjaraw li l-ebda dispożizzjoni tal-ordinament ġuridiku Portugiż ma tagħti d-dritt għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Portugiżi ammettew li każ bħal dan ma jagħti lok għall-ebda rimbors tal-ispejjeż mediċi.

75. Barra minn hekk, fir-rikors tagħha [36], il-Kummissjoni ssemmi n-natura mhux preċiża tal-informazzjoni trażmessa mill-awtoritajiet Portugiżi dwar l-għan tar-regoli tad-Digriet-Liġi Nru 177/92 u l-applikabbiltà ta' din

34 — Ara l-punti 32 u 33 tar-rikors.
35 — Ara p. 15 ta' din ir-risposta.
36 — Ara l-punt 38 tar-rikors.

il-liġi għall-kura mhux fi sptar mogħtija fi Stat Membru ieħor. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Portugiżi kienu ddikjaraw, fit-tweġiba tagħhom tal-15 ta' Mejju 2009 għall-opinjoni motivata addizzjonali, li r-rimbors tal-ispejjeż mediċi marbutin ma' kura magħmula fi Stat Membru ieħor jiddependi, skont id-Digriet-Liġi Nru 177/92, mill-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Il-Kummissjoni tikkonkludi minn dan li d-Digriet-Liġi Nru 177/92 għandu f'kull każ japplika wkoll għal kura mhux fi sptar.

76. Din il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tirrifletti ċerta eżitazzjoni tal-Kummissjoni li tirriproduċi kemm jista' jkun possibbli b'mod dettaljat il-kontenut regolatorju tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni kif ukoll l-aspetti li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Dan huwa sorprendenti jekk jiġi kkunsidrat li l-proċedura prekontenzjuża bdiet matul l-2006 u li l-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Portugiżi, li fil-kuntest tagħha ġiet diskussa l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Portugiża mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tmur lura għall-2003. Il-malintiżi u l-kontradizzjonijiet li l-qari tan-noti juri b'mod ċar setgħu jiġu evitati jekk ċerti aspetti determinanti, li b'mod partikolari jirrigwardaw l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi Nru 177/92 għal kura mhux fi sptar, kienu ġew diskussi diġà fil-fond fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża. F'dan il-kuntest, nixtieq infakkar li l-Istati Membri huma obbligati, skont l-Artikolu 10 KE, li jiffaċilitaw lill-Kummissjoni t-twettiq tal-missjoni tagħha, li tikkonsisti, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 211 KE, f'li tissorvelja l-applikazzjoni tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet bis-saħħa tat-Trattat [37]. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diġà, dan l-obbligu jfisser li jkun hemm kooperazzjoni bil-*bona fidi* f'kull inkjesta magħmula mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 226 KE u biex din tingħata kull informazzjoni mitluba għal dan l-iskop [38].

77. Mid-Digriet-Liġi Nru 177/92 jirriżulta li din il-liġi tistabbilixxi fi kwalunkwe każ il-kundizzjonijiet applikabbli għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi sostnuti barra mill-pajjiż, anki jekk l-ebda dispożizzjoni tagħha ma tindika li l-liġi tagħmel distinzjoni bejn il-kura mhux fi sptar u dik fi sptar. Jidher li l-Gvern Portugiż ukoll jibda minn din l-idea billi, minn naħa, fir-risposta tiegħu jpoġġi fid-dubju s-sens ta' din id-delimitazzjoni ta' prinċipju bejn it-tipi differenti ta' kura, u, min-naħa l-oħra, jiddikjara mingħajr tlaqliq li l-leġiżlazzjoni Portugiża — jiġifieri d-Digriet-Liġi Nru 177/92 — tippermetti r-rimbors sħiħ tal-ispejjeż mediċi sostnuti barra mill-pajjiż għal kura fi sptar kif ukoll mhux fi sptar,

37 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 1991, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-33/90, Ġabra p. I-5987, punt 18), u tas-26 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-494/01, Ġabra p. I-3331, punt 197).

38 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 1985, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (192/84, Ġabra p. 3967, punt 19); tas-6 ta' Marzu 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-478/01, Ġabra p. I-2351, punt 24); u tat-13 ta' Lulju 2004, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-82/03, Ġabra p. I-6635, punt 15), u tas-26 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 37, punt 198). F'dan is-sens ukoll, K. Lenaerts, D. Arts u I. Maselis, *Procedural Law of the European Union*, it-Tieni edizzjoni, Londra, 2006, punt 5-057, p. 163.

sa fejn huma ġġustifikati minn aspett mediku, min-naħa l-oħra [39].

78. Għaldaqstant, għandu jiġi nnotat li, kuntrarjament għal dak li taħseb il-Kummissjoni, id-Digriet-Liġi Nru 177/92, li hija l-liġi nazzjonali applikabbli, fil-prinċipju jammetti l-possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor.

2. Ħtieġa ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal kura medika "speċjalizzata ħafna"

79. Sussidjarjament, il-Kummissjoni tilmenta li r-Repubblika Portugiża implementat sistema li għamlet ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar sostnuti fi Stat Membru ieħor suġġett għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel. F'dan ir-rigward għandu jiġi indikat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat is-sempliċi ħtieġa ta' awtorizzazzjoni minn qabel għar-rimbors ta' spejjeż bħala ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kemm għal-pazjenti kif ukoll għal min jipprovdi s-servizzi [40], meta jirriżulta li sistema bħal dik tiskoraġġixxi lill-pazjenti jekk mhux ukoll tipprekludihom milli jmorru għand min jagħti servizzi mediċi stabbiliti fi Stat Membru ieħor biex jiksbu l-kura inkwistjoni [41].

80. Il-Kummissjoni tikkontesta b'mod partikolari ż-żamma, fi ħdan tal-ordinament ġuridiku Portugiż, ta' sistema legali li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. Kuntrarjament għal dak li jsostnu l-Gvern Portugiż u Spanjol [42], ma huwiex assolutament obbligatorju, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effett restrittiv ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' prattika amministrattiva li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, jiġifieri f'din il-kawża, prattika eventwalment restrittiva tal-awtoritajiet Portugiżi fl-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 49 KE, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi għandha tiġi interpretata fis-sens li biżżejjed li, biex jiġi kkonstatat l-effett restrittiv ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, li din tkun ta' natura li tipprekludi, tostakola jew tagħmel inqas attraenti għad-destinatarju tas-servizzi li jirrikorri għas-servizzi offruti fi Stat Membru ieħor [43]. Għalhekk, biżżejjed għall-finijiet ta' din il-proċedura li tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jistgħux ikollhom effett disważiv fuq destinatarji eventwali tas-servizzi.

39 — Punti 16, 24 u 58 tar-risposta.

40 — Sentenzi tal-31 ta' Jannar 1984, Luisi u Carbone (286/82 u 26/83, Ġabra p. 377, punt 16); tat-28 ta' Jannar 1992, Bachmann (C-204/90, Ġabra p. I-249, punt 31), u Kohll (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 35). Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-EFTA, Rinsal u Slinning (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punti 44 u 45).

41 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tas-27 ta' Jannar 2011 Il-Kummissjoni vs Franza (punt 32), Watts (punt 98), Leichtle (punt 30), Müller-Fauré u van Riet (punti 41 u 44), kif ukoll Smits u Peerbooms (point 69).

42 — Ara l-punt 21 tan-nota tal-Gvern Spanjol.

43 — Ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International (C-42/07, Ġabra p. I-7633, punt 51).

81. Huwa biss eżami tad-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti li jippermetti li jiġi ddeterminat jekk id-dispożizzjonijiet fid-Digriet-Liġi Nru 177/92 jipproduċux tali effett disswaživ fuq il-pazjenti potenzjali, skont kundizzjonijiet li jikkostitwixxu kunċett ta' restrizzjoni.

82. Kif intqal diġà, id-Digriet-Liġi Nru 177/92 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tar-rimbors tal-ispejjeż mediċi sostnuti barra mill-pajjiż. Dan jissuġġetta r-rimbors tal-ispejjeż mediċi sostnuti barra mill-pajjiż għall-kisba ta' awtorizzazzjoni, billi tinħoloq, għal dan l-iskop, proċedura amministrattiva speċjali li tirrikjedi l-kooperazzjoni ta' servizzi differenti tal-isptar. Skont din il-proċedura, il-pazjent, li jkollu bżonn ta' trattament speċjalizzat ħafna barra mill-pajjiż, għandu jikseb, skont l-Artikolu 2 tad-Digriet-Liġi, l-awtorizzazzjoni ta' tliet servizzi differenti qabel ma jieħu l-kura barra mill-pajjiż. Jirriżulta mill-premessi tal-Artikolu 1(1) kif ukoll tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Digriet-Liġi li l-awtorizzazzjoni tippermetti sostanzjalment il-verifika li l-kura mitluba tkun meħtieġa fil-kuntest tal-kollaborazzjoni medika barra mill-pajjiż, billi din il-kura minħabba nuqqas ta' mezzi tekniċi jew umani, ma tkunx tista' tingħata fit-territorju nazzjonali. It-talbiet għal kura medika speċjalizzata ħafna għandhom jiġu ppreżentati mill-isptarijiet rilevanti tas-sistema ta' saħħa nazzjonali, u għandhom jiġu akkumpanjati minn rapport iddettaljat tat-tabib, li għandu jiġi kkonfermat mill-kap tas-servizz rispettiv kif ukoll mid-direttur tas-saħħa.

83. Għalhekk, id-Digriet-Liġi Nru 177/92 jissuġġetta r-rimbors tal-ispejjeż mediċi sostnuti barra mill-pajjiż għal awtorizzazzjoni minn qabel billi l-pazjent ikollu finalment iħallas l-ispejjeż mediċi tiegħu f'każ ta' rifjut biss. Jekk il-leġiżlazzjoni kkontestata ma tipprekludix direttament lill-pazjenti milli jmorru fi Stat Membru ieħor għand min jagħti servizz, il-prospett ta' telf finanzjarju fin-nuqqas li s-sistema nazzjonali tħallas l-ispejjeż mediċi wara deċiżjoni amministrattiva negattiva hija, fiha nnifisha, oġġettivament ta' natura li tiskoraġġixxi l-pazjenti potenzjali li jixtiequ jirċievu kura medika barra mill-pajjiż. Din il-fehma hija kkorroborata mis-sentenzi Kohll, Smits u Peerbooms, kif ukoll Müller-Fauré u van Riet [44], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod partikolari l-effett disswaživ ta' dawn ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni li huma intiżi li jiċċertifikaw in-neċessità medika ta' trattament barra mill-pajjiż. Il-kumplessità ta' din il-proċedura ta' awtorizzazzjoni, li tiżvolġi b'mod partikolari fi tliet stadji, tikkostitwixxi fattur ieħor disswaživ biex wieħed jirrikorri għal servizzi tas-saħħa transkonfinali. Il-possibbiltà ta' diverġenza ta' opinjoni fuq in-neċessità medika ta' kura barra mill-pajjiż ma tistax tiġi eskluża.

84. Fil-proċedura bil-miktub, il-Gvern Portugiż sostna li l-proċedura ta' "ċertifikazzjoni minn qabel tal-ħtieġa klinika" ("referenciação prévia da necessidade clínica") ta' kura barra mill-pajjiż stabbilita

44 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kohll (punti 33 sa 36), Smits u Peerbooms (punti 62 u 64), kif ukoll Müller-Fauré u van Riet (punti 41 u 42).

mid-Digriet-Liġi Nru 177/92 kienet paragunabbli ma' riferiment lil tabib speċjalista fit-territorju nazzjonali [45]. Dan l-argument huwa intiż b'mod ċar biex jinvalida t-teżi li l-leġiżlazzjoni kkontestata tista' tirrendi l-provvista ta' servizzi bejn ir-Repubblika Portugiża u l-Istati Membri oħrajn tal-Unjoni iktar diffiċli milli ġewwa Stat Membru. Naħseb li l-veraċità ta' dan l-argument hija dubjuża, iktar u iktar meta l-Gvern Portugiż ma jipproduċi l-ebda prova li ssostni din l-affermazzjoni. Pereżempju ma hemm l-ebda prova li r-riferiment lil tabib speċjalista fil-Portugall jeħtieġ l-awtorizzazzjoni ta' tliet servizzi differenti. Għalhekk għandu jiġi ammess li riferiment lil tabib speċjalista ġewwa l-pajjiż huwa ferm inqas diffiċli mil-lat amministrattiv milli trasferiment lejn pajjiż barrani fil-kuntest ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni inkwistjoni. Indipendentement minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi nnotat li din il-leġiżlazzjoni tkopri espressament sitwazzjonijiet transkonfinali u għandha tendenza li tirrendi iktar diffiċli għal ċittadini li jgħixu fil-Portugall li jirrikorru għal servizzi tas-saħħa barra mill-pajjiż.

85. Għalhekk għandu jiġi kkonstatat li s-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel inkwistjoni hija ta' natura li tiskoraġġixxi, u għalhekk tipprekludi, pazjenti potenzjali milli jmorru għand persuni li jipprovdu servizzi mediċi fi Stat Membru ieħor. B'hekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata tagħmel il-provvista ta' servizzi tas-saħħa bejn Stati Membri finalment iktar diffiċli milli ġewwa Stat Membru. Għaldaqstant, din tikkostitwixxi ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kemm għal dawn il-pazjenti kif ukoll għal min jipprovdi s-servizzi.

3. Nuqqas ta' rimbors għal kura medika "oħra"

86. Is-suspett tal-Kummissjoni diġà msemmi iktar 'il fuq dwar nuqqas eventwali tar-rimbors tal-ispejjeż mediċi [46] fid-dritt Portugiż jidher li huwa ġġustifikat mill-ġdid f'kuntest ieħor. Kif dan ġie diġà kkonstatat fil-qafas tal-espożizzjoni ta' din il-liġi, id-Digriet-Liġi Nru 177/92 ma jkoprix it-tipi kollha ta' kura medika. Għal kuntrarju dan huwa limitat esklużivament għal kura medika "speċjalizzata ħafna" barra mill-pajjiż. Konsegwentement, rimbors tal-ispejjeż huwa intiż biss għal dan it-tip ta' kura — bir-riżerva tal-għoti ta' awtorizzazzjoni korrispondenti. Billi ma teżisti l-ebda dispożizzjoni fl-ordinament ġuridiku tar-Repubblika Portugiża, fin-nuqqas ta' indikazzjoni kuntrarja tal-Gvern Portugiż, li espressament tagħti dritt għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi għal kura mhux fi sptar "oħra" barra mill-pajjiż, għandu jiġi kkunsidrat li din il-possibbiltà lanqas ma hija prevista mid-dritt Portugiż.

45 — Ara l-punti 22 u 23 tar-risposta.

46 — Ara l-punt 72 ta' dawn il-konklużjonijiet.

87. Huma favur dan l-argument minbarra l-għan, is-sinjifikat u l-kliem tad-Digriet-Liġi Nru 177/92, l-osservazzjonijiet ifformulati mill-Gvern Portugiż fuq il-partikolaritajiet essenzjali tas-sistema tal-assigurazzjoni għall-mard Portugiża, li hija kkaratterizzata fuq kollox mill-awtonomija tagħha u li, manifestament għal din ir-raġuni, tagħti inqas importanza lill-appoġġ finanzjarju ta' kura medika barra mill-pajjiż milli lil kura ekwivalenti fit-territorju nazzjonali. L-ispjegazzjoni tal-Gvern Portugiż, li r-Repubblika Portugiża ma tistax tiggarantixxi r-rimbors tal-ispejjeż mediċi fir-rigward ta' kull kura medika barra mill-pajjiż, hija xhieda ta' dan ukoll [47]. Iċ-ċirkustanza li l-Gvern Portugiż jiċħad, abbażi tad-Digriet-Liġi Nru 177/92, l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ebda dispożizzjoni tal-ordinament ġuridiku Portugiż ma tipprevedi dan it-tip ta' rimbors, ma tistax tiġi invokata kontra l-interpretazzjoni tal-kuntest ġuridiku nazzjonali li hija adottata f'dawn il-konklużjonijiet, għaliex kif ingħad diġà, id-Digriet-Liġi Nru 177/92 ma jirregolax eżattament ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi magħmulin fil-kuntest ta' kura mhux fi sptar "oħra".

88. Minħabba n-natura tagħha ta' servizz tas-saħħa, il-kura medika mhux fi sptar "oħra" li tingħata barra mill-pajjiż hija protetta wkoll mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Ir-rifjut kategoriku li jiġi rrikonoxxut dritt għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi li jkunu saru barra mill-pajjiż fil-kuntest ta' din il-kura jikkostitwixxi b'mod ċar restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont id-definizzjoni ċċitata iktar 'il fuq [48], billi tagħmilha iktar diffiċli li wieħed jirrikorri għal servizzi tas-saħħa fi Stati Membri oħrajn milli wieħed jirrikorri għall-istess servizzi fit-territorju nazzjonali għall-pazjenti li jirrisjedu fil-Portugall. Fil-fatt, dawn tal-aħħar ma jkollhomx dritt għar-rimbors tal-ispejjeż mis-servizz nazzjonali tas-saħħa ħlief jekk jieħdu l-kura ġewwa l-pajjiż. Kif intqal diġà fir-rigward tal-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni prevista mid-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi [49], jekk in-nuqqas li jitħallsu l-ispejjeż mediċi ma jipprekludix direttament lill-pazjenti milli jmorru għand min jagħti servizzi fi Stat Membru ieħor, il-prospettiva ta' telf finanzjarju hija madankollu, fiha nnifisha, oġġettivament ta' natura li tiskoraġġixxi l-pazjenti potenzjali li jixtiequ jibbenefikaw minn kura medika barra mill-pajjiż [50]. In-natura restrittiva ta' din il-leġiżlazzjoni tidher finalment fl-effetti tagħha.

89. Għalhekk, in-nuqqas li jiġi previst ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi fil-każ ta' kura medika "oħra" jirriżulta f'restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

47 — Ara l-punt 54 tar-risposta.

48 — Ara l-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet.

49 — Ara l-punt 81 ta' dawn il-konklużjonijiet.

50 — Sentenza tas-27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 2, punt 41).

C — *Ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni*

90. Wara li ġiet ikkonstatata l-eżistenza ta' restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi għall-kura medika "speċjalizzata ħafna" u "oħra", rispettivament, issa għandu jiġi eżaminat jekk ir-restrizzjoni tistax tiġi ġġustifikata oġġettivament f'kull każ.

91. Għal dan l-iskop, għandha ssir distinzjoni netta bejn dawn iż-żewġ każijiet. Fil-każ ta' kura "speċjalizzata ħafna" tqum il-kwistjoni tal-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni li tirriżulta mill-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni [51]. Fil-każ ta' kura medika "oħra" għandu jiġi eżaminat, għall-kuntrarju, jekk hemmx ġustifikazzjoni għar-restrizzjoni li tirriżulta min-nuqqas tar-rimbors tal-ispejjeż mediċi [52]. Favur eżami separat tal-kawżi ta' ġustifikazzjoni hemm, minn naħa, id-differenza fl-intensità li biha kull leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tirrestriġi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-kundizzjonijiet ġuridiċi ta' ġustifikazzjoni li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni huma parzjalment diverġenti.

1. Ġustifikazzjoni fil-każ tal-kura medika "speċjalizzata ħafna"

92. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat diversi drabi, jekk id-dritt tal-Unjoni fil-prinċipju ma jipprekludix sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, madankollu huwa neċessarju li l-kundizzjonijiet magħmulin għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħal din ikunu ġġustifikati u jissodisfaw ir-rekwiżit ta' proporzjonalità [53]. F'dan ir-rigward huwa essenzjali, skont ġurisprudenza stabbilita, li r-restrizzjoni ma taqbiżx dak li huwa oġġettivament neċessarju għal dan l-iskop u li l-istess riżultat ma jkunx jista' jinkiseb permezz ta' regoli inqas restrittivi [54]. Sistema bħal din għandha tkun ibbażata wkoll fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji u magħrufin bil-quddiem, b'mod li l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali jiġi limitat biex dawn ma jeżerċitawhiex b'mod arbitrarju [55].

93. Mill-aspett tal-metodoloġija ġuridika, il-livell ta' ġustifikazzjoni huwa l-element fejn il-"konkordanza prattika" mitluba mill-Gvern Portugiż bejn il-kompetenzi ta' organizzazzjoni u ta' regolamentazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-assigurazzjoni għall-mard, minn naħa, u r-regoli tas-suq intern, min-naħa l-oħra, għandha tiġi stabbilita [56]. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tirrikonċilja, sa fejn tista', l-interess tal-assigurati ta' servizz nazzjonali tas-saħħa biex jibbenefikaw mill-vantaġġi tas-suq intern mill-perspettiva tal-libertà ta'

51 — Ara l-punt 83 ta' dawn il-konklużjonijiet.

52 — Ara l-punt 87 ta' dawn il-konklużjonijiet.

53 — Sentenzi Elchinov (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, punt 44), kif ukoll Smits u Peerbooms (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 82).

54 — Sentenza Watts (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 106).

55 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Elchinov (punt 44), Müller-Fauré u van Riet (punti 83 sa 85), kif ukoll Smits u Peerbooms (punti 82 u 90).

56 — Ara M. Cousins, "Patient Mobility and National Health Systems", *Kluwer Law International*, 2007, p. 190.

moivment tas-servizzi tas-saħħa, u r-rieda tal-Istati Membri li jżommu l-istabbiltà finanzjarja tas-servizzi tas-saħħa tagħhom biex ikunu jistgħu jkomplu jiggarantixxu lill-assigurati servizzi tas-saħħa ta' kwalità [57].

94. Madankollu, restrizzjoni fuq il-libertajiet fundamentali ma tistax tkun iġġustifikata ħlief għal motiv ta' ġustifikazzjoni leġittimu. Fil-ġurisprudenza tagħha dwar is-servizzi tas-saħħa transkonfinali, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet sensiela sħiħa ta' motivi ta' ġustifikazzjoni miktubin jew li ġew elaborati mill-ġurisprudenza. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ddeċidietx fuq il-kwistjoni jekk f'każ bħal dan, tistax tkun, inġenerali ġġustifikata r-restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li hija l-konsegwenza tal-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali diskriminatorja - sa fejn din timponi r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni esklużivament fil-każijiet ta' kura medika barra mill-pajjiż. F'dan il-kuntest, jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza tradizzjonali, raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali ma jistgħux jiġu invokati biex jiġġustifikaw restrizzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali, applikati b'mod diskriminatorju [58]. Għalhekk wieħed jista' jistaqsi jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex ġurisdizzjoni biex teżamina l-ġustifikazzjonijiet invokati mill-Gvern Portugiż dwar ir-restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha indikazzjonijiet ċari li juru li, f'ċerti oqsma, raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali jistgħu jiġu invokati biex jiġġustifikaw ukoll ir-restrizzjonijiet diskriminatorji fuq il-libertajiet fundamentali, naturalment, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità [59]. Madankollu, naħseb li ma hemmx lok f'dawn il-proċeduri li tingħata tweġiba b'mod definittiv għad-domanda jekk restrizzjoni diskriminatorja fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi inkwstjoni f'dan il-każ tistax, fil-prinċipju, tkun iġġustifikata għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, speċjalment billi ġustifikazzjoni bħal din tippresupponi dejjem li l-prinċipju ta'

57 — Ara M. Schiano, *loc.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 31), li jgħid li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba, f'kull kawża, li tistabbilixxi bilanċ ġust bejn iż-żewġ interessi f'kunflitt. Bl-istess mod, S. Van Raepenbusch, *loc. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 23), p. 8, fejn jgħid li l-qorti għandha l-kompitu tqil li tirrikonċilja, minn naħa, ir-rekwiżiti tal-libertà ta' moviment tal-persuni u, min-naħa l-oħra, in-neċessità li żżomm il-bilanċ finanzjarju tas-servizzi tas-saħħa nazzjonali fl-interess tas-sistema ġenerali tas-saħħa.

58 — Sentenza ewlenija tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (C-55/94, Ġabra p. I-4165, punt 37). Ara, fir-rigward tar-restrizzjonijiet diskriminatorji għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, is-sentenzi tas-16 ta' Jannar 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-388/01, Ġabra p. I-721, punt 19); tat-30 ta' Marzu 2006, Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti (C-451/03, Ġabra p. I-2941, punti 36 *et seq*), u tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-153/08, Ġabra p. I-9735, punt 36). Fir-rigward tal-prinċipju li l-ebda ġustifikazzjoni bbażata fuq raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali ma tapplika għal restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment, ibbażati fuq iċ-ċittadinanza, ara s-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer (C-169/07, Ġabra p. I-1721, punti 44 *et seq*) tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer (C-169/07, Ġabra p. I-1721, punti 44 *et seq*); tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et* (C-171/07 et C-172/07, Ġabra p. I-4171, punti 25 *et seq*); tal-1 ta' Ġunju 2010, Blanco Pérez u Chao Gómez (C-570/07 u C-571/07, Ġabra p. I-4629, punti 61 *et seq*), u tas-16 ta' Diċembru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (C-89/09, Ġabra p. I-12941, punti 50 *et seq*).

59 — Dan huwa partikolarment il-każ fil-qasam tal-miżuri nazzjonali ta' protezzjoni tal-ambjent ta' natura diskriminatorja. Fuq dan is-suġġett ara l-konklużjonijiet tiegħi tas-16 ta' Diċembru 2010 fil-kawża pendenti Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-28/09, punti 82 *et seq*)

proporzjonalità jiġi osservat. Kif ser nuri fil-kuntest tal-analiżi tiegħi, din il-kundizzjoni ma ġietx issodisfatta f'dan il-każ.

hekk, din is-sistema hija kkaratterizzata mill-awtonomija tagħha u mill-kopertura universali tagħha. L-istruttura ta' din is-sistema imposta mid-dritt Kostituzzjonali Portugiż tillimita neċessarjament l-aċċess tal-pazjenti għal kura medika barra mill-pajjiż kif ukoll ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi.

(a) Żamma tal-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali

(i) Motiv ta' ġustifikazzjoni leġittimu

95. L-ewwel nett, il-Gvern Portugiż, biex jiġġustifika restrizzjoni fuq din il-libertà fundamentali, jinvoka l-ħtieġa li jiġi ppreservat l-ekwilibriju finanzjarju tas-sigurtà soċjali. Dan isostni li l-Artikolu 64(2)(c) tal-Kostituzzjoni Portugiża jobbliga lill-Istat li jistabbilixxi sistema nazzjonali ta' assigurazzjoni għall-mard li toffri lill-popolazzjoni servizzi sostanzjalment b'xejn. Il-fatt li s-sistema hija b'xejn jimplika li tiġi ffinanzjata mid-dħul minn taxxi u l-baġit tal-Istat. Il-finanzjament tas-sistema nazzjonali tal-assigurazzjoni għall-mard huwa missjoni ewlenija tal-Istat u l-iktar li tiswielu l-flus. Skont il-Gvern Portugiż [60], il-finanzjament tas-sistema nazzjonali tal-assigurazzjoni għall-mard jipprekludi li minn fondi pubbliċi jitħallsu l-ispejjeż mediċi marbutin mal-kura mogħtija barra mill-pajjiż. Barra minn

96. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Portugiż, jeħtieġ jiġi osservat li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għanijiet ta' natura purament ekonomika ma jistgħux jiġġustifikaw ostakolu għall-prinċipju fundamentali tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Iżda min-naħa l-oħra dan l-argument lanqas ma jista' jiġi miċħud sempliċement fuq il-bażi ta' din il-motivazzjoni, iktar u iktar meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx li riskju ta' preġudizzju gravi fl-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali jista' jikkostitwixxi, f'ċerti każijiet, motiv imperattiv ta' interess ġenerali li, f'ċerti kundizzjonijiet, jista' jiġġustifika ostakolu bħal dan [61]. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement fakkret, fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, il-ġurisprudenza attwali tagħha fejn kundizzjonijiet tal-ippjanar jistgħu jiġġustifikaw ir-rekwiżit li tintalab awtorizzazzjoni minn qabel biex l-ispejjeż jitħallsu mill-istituzzjoni kompetenti tal-kura li tingħata fi Stat Membru ieħor [62].

60 — Ara l-punt 20 tar-risposta.

61 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kohll (punt 41), Smits u Peerbooms (punt 72), Müller-Fauré u van Riet (punt 73), kif ukoll Stamatelaki (punt 30).

62 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq li tagħmel riferiment għas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Smits u Peerbooms (punti 76 sa 81), Müller-Fauré u van Riet (punti 76 sa 81), kif ukoll Watts (punti 108 sa 110).

97. Madankollu, dawn il-kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw servizzi mediċi mogħtijin fil-kuntest ta' sptar, ma jistgħux jiġu applikati għas-sitwazzjoni li hija s-suġġett ta' din il-kawża. Fil-fatt, l-analiżi tal-ġurisprudenza turi li l-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li wieħed ikun jista' jirrikorri għal din ir-raġuni imperattiva esklużivament fil-kazijiet fejn is-servizzi tas-saħħa jingħataw fil-kuntest ta' kura fl-isptar u mhux fil-kuntest ta' kura barra l-isptar [63]. Nerġa' niġi għal dan il-punt fid-dettall fl-iżvolġiment iktar 'il quddiem.

98. Fil-fatt, fil-kuntest tal-eżami ta' dan il-motiv ta' ġustifikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem tagħmel distinzjoni bejn is-servizzi mediċi mogħtijin fil-kuntest ta' kura fi sptar u dik li tingħata barra l-kuntest ta' sptar fejn ma tirrikonoxxix bżonn ta' ppjanar tal-Istati Membri ħlief fl-ewwel każ. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala regola ġenerali, ippjanar bħal dan jagħmel tajjeb għal diversi preokkupazzjonijiet. Fuq naħa waħda, dan l-ippjanar għandu l-għan li jiżgura li fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat ikun hemm aċċess suffiċjenti u permanenti għal firxa bbilanċjata ta' kura ta' kwalità fl-isptar. Min-naħa l-oħra, dan huwa parti mix-xewqa li jiġi żgurat kontroll tal-ispejjeż u sabiex jiġi evitat, sa fejn possibbli, kull ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani [64]. Dan l-ippjanar tal-Istati Membri jirrigwarda diversi aspetti, jiġifieri, in-numru tal-infrastrutturi tal-isptar, it-tqassim ġeografiku tagħhom, il-ġestjoni tagħhom u t-tagħmir li għandhom, jew ukoll in-natura tas-servizzi mediċi li joffru huma stess. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija tal-fehma li, f'din il-perspettiva doppja, il-ħtieġa li l-ispiża finanzjarja għas-sistema nazzjonali tas-sigurtà soċjali tal-kura fl-isptar mogħtija fi Stat Membru ieħor tiġi suġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel tidher li hija kemm neċessarja kif ukoll raġonevoli [65].

99. Madankollu, huwa evidenti li dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar il-kura mogħtija barra mill-qafas ta' sptar ma jistgħux jiġu

63 — Ara s-sentenza Müller-Fauré u van Riet (punti 72 sa 92), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat separatament skont jekk kinux servizzi ta' kura fi sptar jew mhux fi sptar. Ara s-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (iċċitata iktar 'il fuq, punt 34), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li r-rekwiżiti tal-ippjanar intiżi biex jevitaw, kemm jista' jkun possibbli, kull ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet ta' ġustifikazzjoni sa fejn jirrigwardaw servizzi mediċi mogħtijin fi sptar. Ara l-punt 94 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi tal-25 ta' Frar 2010 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2010, iċċitata iktar 'il fuq).

64 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Elchinov (punt 43), kif ukoll Müller-Fauré u van Riet (punt 80). U. Becker, C. Walser, "Stationäre und ambulante Krankenhausleistungen im grenzüberschreitenden Dienstleistungsverkehr — von Entgrenzungen und neuen Grenzen in der EU", *Neue Zeitschrift für Sozialrecht*, 2005, p. 450, jikkonkludu li r-rikors għal kura mhux fl-isptar fil-prinċipju ma għandux ikun suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel. K.-J. Bieback, "Neue Rechtsprechung des EuGH zur grenzüberschreitenden Beanspruchung von Gesundheitsle istungen — zugleich eine Anmerkung zum Urteil des EuGH in der Rs. C-372/04", *Zeitschrift für europäisches Sozial- und Arbeitsrecht*, 7/2006, p. 242, jinterpreta l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li awtorizzazzjoni minn qabel biex wieħed jikseb servizzi transkonfinali tikkostitwixxi ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi bbażata fuq l-Artikolu 49 KE, li ma hijiex ammessa għal servizzi ta' kura mhux fi sptar iżda li hija ammessa għal servizzi ta' kura fi sptar billi, fil-każ ta' dawn tal-aħħar, l-ippjanar u s-sigurtà tal-kura għandhom jiġu protetti.

65 — Ara s-sentenza Smits u Peerbooms (iċċitata iktar 'il fuq, punti 62 et 64).

applikati banda oħra għaliex dan it-tip ta' servizzi tas-saħħa jingħata mit-tabib fil-klinika tiegħu u għalhekk ma tqumx ġeneralment il-kwistjoni ta' ppjanar mill-Istat.

100. Fil-prinċipju, wieħed jista' jaqbel mal-oġġezzjonijiet tal-Gvern Portugiż dwar id-diffikultà li jkun hemm distinzjoni ċara bejn il-kura mogħtija f'kuntest ta' sptar jew barra minn tali kuntest [66], u l-Qorti tal-Ġustizzja stess enfasizzat din id-diffikultà fil-ġurisprudenza tagħha [67]. Fil-fatt wieħed ma jistax jeskludi li ċerti servizzi mediċi mogħtijin f'kuntest ta' sptar jistgħu jingħataw ukoll fi klinika, ċentru mediku jew minn tabib fil-klinika tiegħu b'mod li kultant diffiċli li tiġi stabbilita d-distinzjoni [68]. Madankollu, il-kwistjoni tad-distinzjoni ma hijiex rilevanti għall-finijiet ta' din il-proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu billi, b'mod differenti minn dak li jirriżulta f'kawżi oħrajn deċiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżitu tagħha ma jiddipendix, fl-ewwel lok, minn distinzjoni magħmula f'dan il-każ konkret u, fit-tieni lok, fuq il-bażi ta' indikazzjonijiet ipprovduti mill-Gvern Portugiż, id-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi Nru 177/92 japplikaw mingħajr distinzjoni għaż-żewġ tipi ta' servizzi.

101. Għalhekk, kuntrarjament għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza li kienet tirrigwarda r-rekwiżiti tal-ippjanar li jirriżultaw mill-użu ta' apparat mediku tqil [69], il-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx il-kwistjoni jekk ċerta kura mhux fi sptar tistax eventwalment, minħabba l-ispiża tagħha, tiġi assimilata ma' servizzi mediċi mogħtija fi sptar. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, biżżejjed li jitfakkar li, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet finalment irrinunzjat milli tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ tipi ta' kura medika minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari fl-użu ta' apparat mediku tqil. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet segwiet l-opinjoni tal-Gvern Franċiż, li kien invoka l-ispiża għolja ta' dan l-apparat u għalhekk tar-rekwiżiti tal-ippjanar. Kif irrikonoxxiet ġustament il-Qorti tal-Ġustizzja, l-użu ta' ċertu apparat mediku tqil, enumerat b'mod eżawrjenti, għandu jkun jista' jkun suġġett, indipendentement mill-kuntest ta' sptar jew le u fejn jista' jiġi installat jew użat, għal politika ta' ppjanar. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat f'dan ir-rigward li din il-politika ta' ppjanar tikkonċerna, b'mod partikolari, in-numru u t-tqassim ġeografiku ta' dan l-apparat, u hija meħtieġa kemm biex tiggarantixxi fit-territorju nazzjonali offerta ta' kura ta' livell għoli kif ukoll sa fejn huwa possibbli biex jiġi evitat kull ħela ta' mezzi. Korretti kemm huma korretti dawn il-kunsiderazzjonijiet fil-kuntest tal-kawża ċċitata iktar 'il; fuq, is-sitwazzjoni f'din il-kawża ma hijiex paragunabbli, fin-nuqqas ta' elementi f'dan s-sens. Jekk dan ma jfissirx li ċerta kura mhux fi sptar li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Digriet-Liġi tista' kultant tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' assimilazzjoni fis-sens imsemmi iktar 'il fuq, dan il-każ hawnhekk, kif ġie espost lill-Qorti

66 — Ara l-punt 34 tar-risposta.

67 — Ara s-sentenza Müller-Fauré u van Riet (iċċitata iktar 'il fuq, punti 76 sa 80).

68 — Ara s-sentenza Müller-Fauré u van Riet (iċċitata iktar 'il fuq, punt 75), kif ukoll punt 67 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston tal-15 ta' Lulju 2010 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Franza (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, iċċitata iktar 'il fuq).

69 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010 (iċċitata iktar 'il fuq, punti 34 sa 37).

tal-Ġustizzja, ma jippermettix li wieħed jasal għal dawn il-konklużjonijiet.

102. Minħabba l-fatt li s-suġġett tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jirrigwarda biss kura mhux fi sptar mogħtija barra mill-pajjiż, ir-Repubblika Portugiża ma tistax validament tinvoka rekwiżiti eventwali ta' ppjanar, jew riskju li jiġi kompromess l-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema nazzjonali tas-saħħa biex tiġi ostakolata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi mentri r-rimbors tal-ispejjeż mediċi jiġi suġġett għal kisba ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

103. Barra minn hekk, kif ġustament tilmenta l-Kummissjoni fil-konfront tal-Gvern Portugiż [70], dan tal-aħħar għadu ma wriex li dan ir-riskju fil-verità kien jeżisti. Kif ġie indikat diġà fl-introduzzjoni [71], huwa għandu l-oneru tal-prova tal-eżistenza ta' ġustifikazzjoni fil-kuntest ta' din il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Il-Gvern Portugiż dan ma osservahx. In-numru ta' assigurati li kisbu, skont l-informazzjoni li pprovda, ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi tagħhom f'passat reċenti [72] ma jidhirx li huwa oġġettivament esaġerat u anqas ma wera li n-numru tal-assigurati li jmorru barra mill-pajjiż u jitolbu rimbors huwa tant kbir li jista' jikkompromett l-ewilibriju finanzjarju tas-sistema nazzjonali Portugiża u jhedded il-livell komplessiv ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika.

104. Fil-fehma tiegħi, fl-osservazzjonijiet tiegħu fuq ir-riskju presunt għall-finanzjament tas-sistema nazzjonali tiegħu tal-assigurazzjoni għall-mard, il-Gvern Portugiż jittraskura wkoll ċerti aspetti li jirrigwardaw il-mobbiltà tal-pazjenti, li l-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għalihom ġustament fis-sentenza Müller-Fauré u van Riet [73], u li għandhom jiġu kkunsidrati bħala sinjifikattivi għaliex jaffettwaw id-deċiżjoni tal-pazjent li jikkura ruħu barra mill-pajjiż, indipendentement minn rimbors eventwali tal-ispejjeż mediċi. Dawn ipoġġu fid-dubju l-preokkupazzjonijiet li ġew espressi b'mod sottointiż, jiġifieri li l-pazjenti jirrikorru l-ewwel nett għal servizzi tas-saħħa barra mill-pajjiż. Dawn l-aspetti jirrigwardaw l-ewwel nett in-natura stess tal-kura mogħtija. B'mod ġenerali, il-kura tingħata viċin ir-residenza tal-pazjent, f'ambjent kulturali li huwa familjari miegħu u li jippermettilu li jistabbilixxi mat-tabib li jikkurah relazzjoni ta' fiduċja. Bl-eċċezzjoni ta' każijiet ta' urġenza, isegwi neċessarjament li t-trasferimenti transkonfinali ta' pazjenti jsiru l-iktar fir-reġjuni tal-fruntiera jew għat-trattament ta' patoloġiji speċifiċi. Barra minn

70 — Ara l-punt 21 tar-replika.

71 — Ara l-punt 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

72 — Fil-punt 16 tal-kontroreplika tiegħu, il-Gvern Portugiż iqis li hemm 1 275 persuni assigurati li segwew, bejn l-2006 u l-2008, kura medika fil-pajjiżi Ewropej oħra u li kisbu r-rimbors tal-ispejjeż mediċi tagħhom, u ġie ppreċiżat li din il-kura ngħatat primarjament fi Spanja, fil-Germanja, fi Franza, fir-Renju Unit u fl-Isvizzera.

73 — Iċċitata iktar 'il fuq, punti 95 u 96.

hekk, lanqas ma għandhom jiġu ttraskurati l-aspetti li inġenerali jostakolaw il-mobbiltà tal-pazjenti, bħall-ostakoli lingwistiċi inevitabbli, id-distanza ġeografika, l-ispejjeż taż-żjara barra mill-pajjiż kif ukoll in-nuqqas ta' informazzjoni fuq in-natura tal-kura li tingħata hemmhekk. Il-Gvern Portugiż imissu kkunsidra dawn l-aspetti fil-kuntest ta' analiżi tar-riskji. Minflok jagħmel dan, jidher li jibbaża ruħu fuq preżunzjonijiet vagi.

105. Għar-raġunijiet li għadhom kif ġew imfissrin, jiena tal-fehma li l-preokkupazzjonijiet espressi mill-Gvern Portugiż dwar iż-żamma tal-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali ma jikkostitwixxux motiv ta' ġustifikazzjoni leġittimu.

(ii) Rekwiżiti dwar il-konformità tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni mad-dritt tal-Unjoni

— Kunsiderazzjonijiet ġenerali

106. Jekk, minkejja l-ġurisprudenza ta' qabel u l-provi tal-periklu għall-istabbiltà finanzjarja tas-sistema Portugiża tas-sigurtà soċjali kif allegat mill-Gvern Portugiż, li jidhirli li ma humiex biżżejjed, il-Qorti tal-Ġustizzja tasal għall-konklużjoni li hemm motiv ta' ġustifikazzjoni leġittimu, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni għandha twieġeb ukoll kemm għar-rekwiżiti dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmijin mill-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll għall-kundizzjoni ta' proporzjonalità msemmija fil-punt 90 ta' dawn il-konklużjonijiet.

107. Il-Kummissjoni tiddubita jekk il-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fid-Digriet-Liġi Nru 177/92 tissodisfax dawn ir-rekwiżiti. Barra minn hekk, hija tikkunsidra l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din il-liġi dwar l-għoti tal-awtorizzazzjoni bħala eċċessivi u sproporzjonati fir-rigward tal-għan imfittex [74].

— Rekwiżiti speċifiċi tal-ġurisprudenza

108. Il-Qorti tal-Ġustizzja elaborat kriterji speċifiċi biex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk jikkonformawx mad-dritt tal-Unjoni l-kundizzjonijiet legali nazzjonali tal-għoti ta' awtorizzazzjoni għal kura barra mill-pajjiż, li fuqhom jiddependi finalment ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi. Fir-rigward tal-metodu ta' analiżi, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, jekk dawn ir-rekwiżiti dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni huma marbutin mill-qrib

74 — Ara l-punt 13 tar-replika.

mal-eżami tal-proporzjonalità ta' miżura nazzjonali, dawn jikkostitwixxu, madankollu, element ta' analiżi indipendenti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni għal-libertajiet fundamentali [75]. Il-kontroll tal-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti ma jieħux post għalhekk tal-eżami tal-proporzjonalità iżda jikkompletah. Għaldaqstant ser nittratta dawn iż-żewġ elementi ta' analiżi b'mod separat fl-iżvolġiment li ġej.

109. Skont ġurisprudenza stabbilita, sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel ma tkunx iġġustifikata, meta din tidderoga mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ħlief meta tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, li ma jkunux diskriminatorji u li jkunu magħrufa minn qabel, b'tali mod li l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali jkun limitat sabiex din ma tintużax b'mod arbitrarju. Sistema ta' awtorizzazzjoni bħal din għandha wkoll tkun ibbażata fuq sistema proċedurali faċilment aċċessibbli u li tista' tiggarantixxi lill-persuni kkonċernati li l-applikazzjoni tagħhom tiġi pproċessata, oġġettivament u imparzjalment, fi żmien raġonevoli u, barra minn dan, rifjut eventwali ta' awtorizzazzjoni għandu jkun jista' jiġi kkontestat permezz ta' proċedimenti ġudizzjarji [76].

110. Id-Digriet-Liġi Nru 177/92 jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu fuq il-"ħtieġa klinika" ta' kura medika barra mill-pajjiż. Il-liġi għandha bħala għan li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti li jieħdu deċiżjoni ta' malajr, kif jikkonferma l-Artikolu 4(3) li jobbliga li jkun hemm komunikazzjoni mingħajr dewmien tad-deċiżjoni u l-miżuri ordnati lill-persuni kkonċernati. Skont l-Artikolu 4(4) it-terminu tal-komunikazzjoni ġeneralment huwa ġeneralment ta' ħmistax-il ġurnata u f'każijiet ta' urġenza jista' jiġi estiż b'ħamest ijiem skont l-Artikolu 5(1). Għalhekk wieħed ma jistax jiddubita mir-raġonevolezza tat-termini stabbiliti għall-ipproċessar ta' talba għal kura medika barra mill-pajjiż. Il-possibbiltà ta' stħarriġ tad-deċiżjoni amministrattiva mill-Ministeru tas-Saħħa Portugiż hija prevista mill-Artikolu 4(5) u din bħala prinċipju ma tqajjem l-ebda diffikultà peress li min jagħmel it-talba jkollu l-possibbiltà li jikkontesta din id-deċiżjoni f'sede ġudizzjarja.

111. Madankollu, hemm dubji dwar il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi Nru 177/92 sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-liġi ma jindikawx ċar il-kriterji li fuqhom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom dwar it-talba tal-pazjent relatata ma' trasferiment barra mill-pajjiż. B'mod ċar ma jeżistux kriterji għall-għoti jew għaċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni minn qabel. Għaldaqstant ma jeżistux kriterji oġġettivi li jillimitaw l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali u li jippermettu li jiġi evitat użu arbitrarju ta' din is-setgħa deċiżjonali. Fin-nuqqas ta' kriterji ċari, ikun impossibbli għall-pazjenti li jbassru d-deċiżjoni tas-servizzi nazzjonali kompetenti. Għalhekk, dan in-nuqqas

75 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Müller-Fauré u van Riet (punt 85), Watts (punt 116); tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (punt 43), u Elchinov (punt 44).

76 — Sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, Ġabra p. I-1271, punt 38), kif ukoll is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Smits u Peerbooms (punt 90), Müller-Fauré u van Riet (punt 85), Watts (punt 116) u tal-5 ta' Ottubru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (punt 43). Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-EFTA, Rinsal u Slinning (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 48).

ta' limitazzjoni ġuridika jirrendi diffiċli l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet ta' rifjut ta' awtorizzazzjoni [77].

112. Pereżempju wieħed jista' jistaqsi jekk l-impossibbiltà li tingħata kura medika speċjalizzata ħafna fit-territorju nazzjonali, minħabba nuqqas ta' mezzi tekniċi jew umani, għandhiex tiġi kkunsidrata, b'mod ġenerali, bħala kundizzjoni legali għal trasferiment għal barra mill-pajjiż, iktar u iktar, kif diġà spjegajt, peress li hija din il-karatteristika li, fuq il-livell tat-teknika leġiżlattiva, tiftaħ il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi. F'dan ir-rigward, jekk fil-fatt hemm kundizzjoni, tibqa' miftuħa l-kwistjoni dwar liema marġni ta' manuvra jkollu s-servizz ikkonċernat u jekk eventwalment huwiex marbut b'ċerti rekwiżiti biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu (bħan-natura ftit oneruża jew il-kwalità tal-kura, eċċ.). Il-liġi ma tgħid xejn fuq dan il-punt.

113. Barra minn hekk, il-Gvern Portugiż ma jressaq l-ebda argument li jippermetti li jitneħħew id-dubji espressi hawnhekk dwar it-trasparenza tal-proċessi deċiżjonali previsti mid-Digriet-Liġi Nru 177/92 u dwar l-istħarriġ ġudizzjarju tal-opinjonijiet li jingħataw dwarhom. Fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern Portugiż sempliċement jirrepeti l-kontenut tad-dispożizzjonijiet legali kkonċernati mingħajr ma jagħti spjegazzjonijiet fuq il-proċess tal-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.

114. Fil-fehma tiegħi, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni tad-Digriet-Liġi Nru 177/92 ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ċċitati iktar 'il fuq dwar il-konformità tad-dritt tal-Unjoni mal-proċedura ta' awtorizzazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet fil-ġurisprudenza tagħha.

— Proporzjonalità

115. Jekk wieħed jammetti l-legalità ta' ġustifikazzjoni bħal din, irid, imbagħad, isir eżami jekk ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal trasferiment barra mill-pajjiż għal kura medika huwiex *xieraq* u *neċessarju* għaż-żamma tal-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema ta' kura Portugiża. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, miżura tkun xierqa biex tiggarantixxi li jintlaħaq l-iskop segwit jekk verament tissodisfa l-għan li dan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku [78]. Miżura tkun neċessarja wkoll meta minn fost diversi miżuri adattati biex jinkiseb l-għan intiż, din tirriżulta li tkun l-inqas waħda oneruża għall-interess jew

77 — Ara l-paralleliżmi mas-sentenza Watts (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 118), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kienet sostniet li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma ppreċiżatx il-kriterji tal-għoti jew ta' rifjut tal-awtorizzazzjoni minn qabel neċessarja għall-ħlas tal-ispejjeż għal kura f'kuntest ta' sptar li jkun fi Stat Membru ieħor.

78 — Ara s-sentenzi tas-17 ta' Novembru 2009, Presidente del Consiglio dei Ministri (C-169/08, Ġabra p. I-10821, punt 42), u tal-11 ta' Marzu 2010, Attanasio Group (C-384/08, Ġabra p. I-2055).

beni ġuridiku kkonċernat [79]. Fl-aħħar nett, miżura nazzjonali bħal din għandha tkun proporzjonata, jiġifieri ma għandhiex tkun sproporzjonata fir-rigward tal-għan li jrid jintlaħaq. Għalhekk, miżura nazzjonali tikkostitwixxi restrizzjoni sproporzjonata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi meta, minkejja l-kontribuzzjoni li tirrappreżenta għat-twettiq tal-għan ta' interess ġenerali, hija tispiċċa biex tippreġudika eċċessivament il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

116. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Spanjol [80], ma hijiex il-Kummissjoni, iżda l-Istat Membru konvenut li għandu jipproduċi prova li l-miżura inkwistjoni hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità [81].

117. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Gvern Portugiż għadu ma weriex sa fejn l-eżami nazzjonali tad-diversi talbiet biex jiġi ddeterminat jekk il-kura medika speċjalizzata ħafna mitluba tistax tingħata wkoll fit-territorju nazzjonali, huwiex xieraq biex jippreserva l-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema Portugiża tal-assigurazzjoni għall-mard. B'mod partikolari, ma huwiex magħruf sew minn fejn jista' jiġi dan il-periklu għal din is-sistema. Il-Gvern Portugiż ma spjegax jekk il-periklu kienx marbut mal-ispejjeż ta' kura iktar għoljin jew ma' riskju eventwali ta' abbuż minn ċentri ta' kura mhux rikonoxxuti. Dan il-Gvern *a fortiori* ma esprimiex ruħu fuq miżuri ta' difiża alternattivi kontra dawn ir-riskji.

118. Għaldaqstant, anki jekk ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel kien xieraq u neċessarju għaż-żamma tal-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema Portugiża tal-assigurazzjoni għall-mard, wieħed jista' jistaqsi jekk, fil-forma konkreta legali tagħha, hija tistax tiġi kkunsidrata wkoll bħala proporzjonata, iktar u iktar meta l-proċedura amministrattiva prevista mid-Digriet-Liġi Nru 177/92 timponi l-kisba ta' awtorizzazzjoni mingħand tliet awtoritajiet differenti. Dan iżid l-inċertezza ta' min jagħmel it-talba fuq l-eżitu tal-proċedura li tirriżulta diġà minnuqqas ta' kriterji ta' għoti jew ċaħda tal-awtorizzazzjonijiet differenti fid-Digriet-Liġi Nru 177/92. B'mod partikolari, ma huwiex ċar sa fejn l-awtoritajiet involuti huma marbutin mal-opinjoni pożittiva tat-tabib kuranti u lanqas f'liema ċirkustanzi jistgħu ma jsegwuhiex. Fil-fehma tiegħi, il-proċedura ta' awtorizzazzjoni prevista tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jitwettaq l-għan mixtieq.

119. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni kkontestata ma tikkonformax mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

79 — Sentenza tal-11 ta' Lulju 1989, Schräder (265/87, Ġabra p. 2237, punt 21).

80 — Ara l-punt 34 tan-nota tal-Gvern Spanjol.

81 — Ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (iċċitata iktar 'il fuq, punt 44).

(b) Kontroll tal-kwalità tas-servizzi tas-saħħa pprovduti barra mill-pajjiż

120. Il-Gvern Portugiż isostni wkoll li li r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel huwa meħtieġ biex tiġi ggarantita l-kwalità tas-servizzi pprovduti mis-sistema nazzjonali tal-assigurazzjoni għall-mard jew f'isimha. Dan l-argument għandu jiġi interpretat ġuridikament fis-sens li l-Gvern Portugiż jirreferi għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika skont l-Artikolu 55 KE moqri flimkien mal-Artikolu 46(1) KE.

121. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li ċ-ċaħda għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi għar-raġuni li s-servizzi tas-saħħa pprovduti fi Stat Membru ieħor ma humiex ta' kwalità ekwivalenti ma' dawk ipprovduti fil-Portugall, hija bbażata fuq kriterju suġġettiv manifestament sproporzjonat u diskriminatorju.

122. L-ewwel nett għandha tingħata tweġiba għall-argument imressaq mill-Gvern Portugiż fis-sens li għalkemm l-Istati Membri għandhom il-fakultà li jillimitaw l-libertà li jiġu pprovduti servizzi għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, madankollu din il-fakultà ma tippermettilhomx li jeskludu s-settur tas-saħħa pubblika, bħala settur ekonomiku u mill-aspett tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, mill-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu [82].

123. Barra minn hekk, nixtieq nenfasizza li dan l-argument kien diġà ġie invokat fil-kawża Kohll u li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ġustament ċaħditu meta tqiesu l-kundizzjonijiet għal kwalifiki tat-tobba fl-Istati Membri oħrajn — li għandhom jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti anki fid-dawl tal-isforzi ta' armonizzazzjoni magħmulin fi ħdan l-Unjoni Ewropea. F'dik il-kawża l-Gvern tal-Lussemburgu kien indika li r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi kien meħtieġ biex tiġi ggarantita l-kwalità tas-servizzi mediċi, li ma setgħetx tiġi vverifikata għal dawk li jmorru fi Stat Membru ieħor, ħlief fil-mument tat-talba ta' awtorizzazzjoni [83]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma aċċettatx dan l-argument għaliex, kif spjegat hija stess, il-kundizzjonijiet ta' aċċess u ta' eżerċizzju tal-attivitajiet ta' tabib u ta' dentist kienu s-suġġett ta' diversi direttivi ta' koordinazzjoni jew ta' armonizzazzjoni, u rriżulta minn dan li t-tobba u d-dentisti stabbiliti fi Stat Membri oħrajn kellhom jiġu rrikonoxxuti bil-garanziji ekwivalenti kollha bħal dawk mogħtija lit-tobba u dentisti stabbiliti fit-territorju nazzjonali għall-finijiet tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni bħal dik applikabbli fil-Lussemburgu, li kienet teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel, ma setgħetx tiġi ġġustifikata minħabba raġunijiet

82 — Ara s-sentenzi tas-7 ta' Mejju 1986, Gül (131/85, Ġabra p. 1573, punt 17), u Kohll (iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).

83 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq, punt 43).

li jirrigwardaw is-saħħa pubblika riżultanti mill-fatt li kellha tiġi ggarantita l-kwalità tas-servizzi pprovduti fi Stati Membri oħrajn [84].

124. L-istess kundizzjonijiet għandhom japplikaw għal dan il-każ. Issa, wieħed jista' jiċċita, bħala att ġuridiku l-iktar importanti fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali [85], li ħadet post id-direttiva preċedenti, id-Direttiva tal-Kunsill 93/16/KEE, tal-5 ta' April 1993, biex tiffaċilità l-moviment liberu tat-tobba u r-rikonoxximent tad-diplomi, ċertifikati u prova oħra ta' kwalifiki formali tagħhom [86]. Skont il-premessa 19 tagħha, din id-direttiva għandha bħala għan li jiġi ffaċilitat il-moviment liberu u r-rikonoxximent reċiproku tal-provi ta' kwalifiki formali għal kategorija ta' professjonijiet (fosthom it-tabib, l-infermier responsabbli mill-kura ġeneral, id-dentist, il-veterinarju, il-qbiela, l-ispiżjarja) filwaqt li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki fuq il-bażi ta' koordinazzjoni ta' rekwiżiti minimi. L-oġġezzjonijiet imqajma mill-Gvern Portugiż dwar differenzi eventwali ta' kwalità ta' servizzi mediċi f'ċerti Stati Membri għandhom jiġu miċħuda bħala infondati fid-dawl tal-kundizzjonijiet għal taħriġ professjonali paragunabbli li għaliha huma suġġetti l-membri tal-professjonijiet mediċi.

125. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi ma jistax ikun iġġustifikat għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa minħabba l-ħtieġa ta' kontroll tal-kwalità tas-servizzi tas-saħħa provduti barra mill-pajjiż.

(c) Konklużjoni provviżorja

126. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nasal għall-konklużjoni li f'dan il-każ hemm restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi li jikkonċernaw il-kura medika "speċjalizzata ħafna", li ma hijiex ġustifikata oġġettivament. Il-Gvern Portugiż ma invoka l-ebda raġuni ta' ġustifikazzjoni leġittima f'dan is-sens, u lanqas ma pproduċa prova ta' periklu konkret għall-istabbiltà finanzjarja tas-sistema nazzjonali ta' sigurtà soċjali tiegħu. Għaldaqstant, fil-prinċipju ma hemmx lok li jsir eżami tal-konformità tal-miżura inkwistjoni mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssib li hemm motiv ta' ġustifikazzjoni leġittimu, id-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi Nru 177/92 ma jirrispondux għar-rekwiżiti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni mad-dritt tal-Unjoni

84 — *Ibidem*, punti 47 sa 49).

85 — ĠU L 255, p. 22.

86 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 86.

127. Għall-kompletezza nixtieq li nerġa' niġi fil-qosor għall-paralleliżmi stabbiliti f'dan il-kuntest mill-Gvern Portugiż mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 1408/71. Fil-fehma tiegħi dan tal-aħħar ma jistax jinvoka validament il-fatt li l-Artikolu 22(1)(c) tar-Regolament Nru 1408/71 jistabbilixxi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni biex is-servizzi tas-saħħa fi-rigward li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 KE jkunu suġġetti wkoll għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni. Fil-fatt, kif irriżulta b'mod ċar fil-qafas tal-proċedura orali, huwa naqas li jikkunsidra, fl-argument tiegħu, li l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1408/71 għandu għan ieħor. Dan tal-aħħar jagħti lill-persuni assigurati dritt għal servizzi in natura mogħtija, għan-nom tal-istituzzjoni kompetenti, mill-istituzzjoni tal-post taż-żjara, skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn jingħataw is-servizzi, daqslikieku l-persuna kkonċernata kienet tappartjeni għal din l-aħħar istituzzjoni [87]. F'dan ir-rigward tapplika s-sistema ta' kopertura fis-seħħ fl-Istat Membru fejn ingħata s-servizz [88]. Id-differenzi eventwali ta' spiża minn Stat Membru għal ieħor, kif ukoll il-konsegwenzi finanzjarji li jirriżultaw minn dan għall-istituzzjoni kompetenti, jiġġustifikaw fil-prinċipju r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Issa, din ir-regola ma hijiex preċiżament applikabbli għall-Artikolu 49 KE billi din id-dispożizzjoni ma tagħtix dritt għar-rimbors ħlief fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tar-residenza tal-pazjent [89]. Għaldaqstant, jekk il-persuna assigurata kellha ssostni spejjeż iktar għoljin fl-Istat Membru fejn ġie pprovdut is-servizz, hija ma tistax, skont din id-dispożizzjoni, titlob ir-rimbors ħlief għat-tariffi applikabbli mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat ta' affiljazzjoni [90]. Apparti dan għandu jitfakkar li fis-sentenza Müller-Fauré u van Riet [91], u dan l-aħħar fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu [92], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, fil-kuntest stess tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71, l-Istati Membri li stabbilixxew sistema ta' servizzi in natura, jew anki servizz nazzjonali tas-saħħa, għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' rimbors *a posteriori* ta' kura mogħtija fi Stat Membru ieħor differenti minn dak kompetenti. Għaldaqstant, għandu jiġi miċħud l-argument kuntrarju mressaq mill-Gvern Portugiż.

128. Fil-qosor, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 KE meta, fid-Digriet-Liġi Nru 177/92, issuġġettat għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel il-possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi marbutin ma' kura mhux mogħtija fi sptar "speċjalizzatat ħafna" fi Stat Membru ieħor.

87 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Watts (punt 48), u Inizan (punt 19).

88 — Sentenza citata iktar 'il fuq tal-5 ta' Ottubru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (punt 27).

89 — Ara s-sentenza Watts (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 48). F'dan is-sens, U. Schneider, (*loc. cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 31), p. 349.

90 — F'dan is-sens K. J. Bieback (*loc. cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 64, p. 245).

91 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq, punt 105).

92 — Sentenza tas-27 ta' Jannar 2001, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).

2. Ġustifikazzjoni fil-każ ta' kura medika "oħra"

129. Il-Gvern Portugiż ma jieħux pożizzjoni espressa fuq ir-restrizzjoni li tirriżulta min-nuqqas ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi li jkunu saru għal kura medika "oħra". L-osservazzjonijiet tiegħu jikkonċernaw sostanzjalment l-għan tad-Digriet-Liġi Nru 177/92 kif ukoll ċerti karatteristiċi essenzjali tas-sistema Portugiża tal-assigurazzjoni għall-mard. Madankollu, jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet tal-Gvern Portugiż li r-Repubblika Portugiża ma hijiex disposta li ssostni l-ispejjeż globali għall-kura mogħtija barra mill-pajjiż [93]. Hija tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha bl-istess argumenti bħal dawk sottintiżi fid-dispożizzjonijiet tad-Digriet-Liġi Nru 177/92. Għandu jiġi konkluż minn dan li anki fir-rigward ta' kura medika "oħra", qed jitressqu l-motivi ta' ġustifikazzjoni ċċitati diġà.

(a) Żamma tal-istabbiltà finanzjarja tas-sistema ta' sigurtà soċjali

(i) Motiv ta' ġustifikazzjoni leġittimu

130. Huma ugwalment validi hawnhekk l-osservazzjon.ijiet tiegħi fuq il-kwistjoni jekk il-preokkupazzjonijiet dwar iż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja tas-sistema ta' sigurtà soċjali fir-rigward tas-servizzi tas-saħħa mhux mogħtija fi sptar transkonfinali jistgħux inġenerali jikkostitwixxu motiv ta' ġustifikazzjoni leġittimu [94]. Fil-fatt, ma rriżultatx il-ħtieġa ta' ppjanar tal-Istati Membri, anki għal kura mhux fi sptar "oħra" biex jiġi evitat — kif tippreċiża l-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza — "kull ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani". Barra minn hekk il-Gvern Portugiż qatt ma pproduċa l-prova tal-eżistenza reali ta' periklu għall-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali. Anki f'dan il-kuntest, nikkunsidra li l-preokkupazzjonijiet espressi mill-Gvern Portugiż dwar iż-żamma tal-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali ma jistgħux ikunu ġġustifikati bħala raġuni ta' ġustifikazzjoni leġittima.

(ii) Proporzjonalità

131. Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta, kuntrarjament għall-ġurisprudenza attwali tagħha u l-provi prodotti, li teżisti raġuni ta' ġustifikazzjoni leġittima, iċ-ċaħda kategorika tar-rimbors tal-ispejjeż mediċi magħmulin għall-kura mhux fi sptar "oħra" għandha tiġi evalwata fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li tiegħu jiena fakkart il-kundizzjonijiet fil-punt 115 ta' dawn il-konklużjonijiet.

93 — Ara l-punt 87 ta' dawn il-konklużjonijiet.

94 — Ara l-punti 95 sa 105 ta' dawn il-konklużjonijiet.

132. Il-Gvern Portugiż ma pproduċa l-ebda prova biex isostni l-argument li n-nuqqas ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi inkwistjoni huwa xieraq biex jikkontribbwixxi għaż-żamma tal-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema nazzjonali tas-sigurtà soċjali. Is-sempliċi riferiment għall-awtonomija u l-finanzjament ta' din is-sistema bit-taxxi, kif ukoll għall-periklu li jirriżulta minn obbligu li jitħallsu wkoll l-ispejjeż marbutin mal-kura mogħtija f'korpi privati ma jissostitwixxix l-argument fil-mertu dwar in-natura xierqa ta' din il-leġiżlazzjoni.

133. Madankollu, anki jekk wieħed jitlaq mill-prinċipju li ċ-ċaħda ta' kull rimbors tal-ispejjeż mediċi jista' jikkontribwixxi biex jiġu limitati l-ispejjeż, u li għalhekk huwa xieraq li jiġi ppreservat l-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema nazzjonali ta' sigurtà soċjali, ma tantx huwa probabbli li miżura bħal din tirrispondi għar-rekwiżiti ta' neċessità u ta' moderazzjoni. Jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li "sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel ma tistax tilleġittimizza deċiżjonijiet diskrezzjonali ta' l-awtoritajiet nazzjonali li huma tali li jipprivaw lid-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari dawk relattivi għal libertà fundamentali bħal dik in kwistjoni fil-kawżi prinċipali, mill-effettività tagħhom" [95]. Madankollu, kuntrarjament għall-kura "speċjalizzata ħafna", l-ispejjeż mediċi magħmulin għal kura mhux fi sptar "oħra" lanqas joffru l-prospettiva ta' rimbors. Fil-fatt ir-Repubblika Portugiża tuża b'mod definittiv waħda mill-miżuri l-iktar restrittivi li tirrestrinġi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi iktar mir-rekwiżit legali ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Din il-miżura tneħħi l-effettività mil-libertà fundamentali għaliex xejn ma huwa probabbli li l-persuni affiljati mas-sistema tas-saħħa Portugiża jirrikorru għal servizzi ta' saħħa fi Stati Membri oħrajn meta jafu li huma stess ikollhom iħallsu l-ispejjeż kollha. Meta jitqiesu l-ammont ta' dawn l-ispejjeż u l-kapaċità finanzjarja tal-persuni assigurati, l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fiċ-ċirkustanzi, jisfa għal kollox illużorju [96]. Billi jeżistu miżuri inqas restrittivi li huma xierqa biex jitwettaq l-għan mixtieq, jiġifieri ż-żamma tal-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema nazzjonali tas-sigurtà soċjali, iċ-ċaħda kategorika ta' rimbors tal-ispejjeż għandha tiġi kkunsidrata bħala li ma hijiex neċessarja. Lanqas ma hija proporzjonata billi b'mod ċar tikser il-libertà li jiġu pprovduti servizzi biex tiġi protetta s-sistema nazzjonali tas-sigurtà soċjali minn periklu vag.

134. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni kkontestata ma tikkonformax mal-prinċipju ta' proporzjonalità

95 — Ara s-sentenzi Smits u Peerbooms (punt 90), Müller-Fauré u van Riet (punt 84), kif ukoll Watts (punt 132).

96 — Ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (iċċitata iktar 'il fuq, punt 41), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ġustament ikkonstatat li l-prospettiva ta' nuqqas ta' rimbors tal-ispejjeż "jiskoraġġixxi" lill-persuni affiljati milli jeżerċitaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jekk mhux ukoll "tipprekludi" l-eżerċizzju ta' din il-libertà fundamentali.

(b) Kontroll tal-kwalità tas-servizzi tas-saħħa pprovduti barra mill-pajjiż

135. Fir-rigward tal-motiv ta' ġustifikazzjoni bbażat fuq il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-kwalità tas-servizzi pprovduti mis-sistema nazzjonali ta' assigurazzjoni għall-mard jew għan-nom tagħha, nirriferi għall-osservazzjonijiet preċedenti [97] u li japplikaw f'dan ir-rigward b'mod analogu. Invista tal-ġurisprudenza ċara tal-Qorti tal-Ġustizzja, li titlaq mill-prinċipju li l-kundizzjonijiet ta' taħriġ professjonali tal-membri tal-professjonijiet mediċi huma paragunabbli u għalhekk li l-kwalità tal-kura tal-pazjenti hija paragunabbli, il-preokkupazzjonijiet espressi dwar il-kwalità tal-kura mogħtija lill-pazjenti li jirrisjedu fil-Portugall ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala motiv leġittimu li jiġġustifika restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

(c) Konklużjoni provviżorja

136. Għaldaqstant, fir-rigward tal-kura medika "oħra" li ma tirrigwardax il-kamp ta' applikazzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 177/92, jiena nasal ukoll għall-konklużjoni li teżisti restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi li ma hijiex oġġettivament iġġustifikata. Għalhekk għandu jiġi kkonstatat li meta r-Repubblika Portugiża, fl-ordinament ġuridiku tagħha, ma pprovdietx għall-possibbiltà ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi dwar kura mhux fi sptar "oħra" mogħtija fi Stat Membru ieħor, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 KE.

D — *Konklużjoni definittiva*

137. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkunsidra li r-rikors tal-Kummissjoni huwa fondat. Meta r-Repubblika Portugiża ssuġġettat, skont id-dispożizzjonijiet tal-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħha, ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi dwar il-kura mhux fi sptar "speċjalizzata ħafna" mogħtija fi Stat Membru ieħor għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel [98] u meta assolutament ma pprovdietx il-possibbiltà ta' rimbors bħal dan għal kura mhux fi sptar "oħra" mogħtija fi Stat Membru ieħor [99], hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 KE.

97 — Ara l-punti 120 sa 125 ta' dawn il-konklużjonijiet.

98 — Ara l-punt 128 ta' dawn il-konklużjonijiet.

99 — Ara l-punt 136 ta' dawn il-konklużjonijiet.

VII — Fuq l-ispejjeż

138. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Billi r-Repubblika Portugiża tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

VIII — Konklużjoni

139. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet magħmulin iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi b'dan il-mod:

1) Meta r-Repubblika Portugiża ssuġġettat, skont id-dispożizzjonijiet tal-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħha, ir-rimbors tal-ispejjeż mediċi dwar il-kura mhux fi sptar "speċjalizzata ħafna" mogħtija fi Stat Membru ieħor għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel u meta assolutament ma pprovdietx il-possibbiltà ta' rimbors bħal dan għal kura mhux fi sptar "oħra" mogħtija fi Stat Membru ieħor, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 KE.

2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.